PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0140(CNS)

4.2.2009

EMENDI
29 - 327

Abbozz ta' rapport
Kathalijne Maria Buitenweg
(PE418.014v02-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali

Proposta għal direttiva
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

AM_Com_LegReport

Emenda 29
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali	Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali***, jew minn kull raġunijiet oħra li jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Maħsuba biex tinkludi t-test kollu tal-proposta leġiżlattiva, fid-dawl tal-emendi li jissupplimentaw proposti għaliha.

Emenda 30
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali	Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età***, is-sħubija f'assoċjazzjoni, is-sess*** jew l-orjentazzjoni sesswali

Or. es

Emenda 31
Richard Howitt, Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni kontra diskriminazzjoni għall-persuni kollha jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Persuni b'Diżabilitajiet, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri [kollha] huma firmatarji. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet tinkludi ċ-caħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni.	(2) Id-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni kontra diskriminazzjoni għall-persuni kollha jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, ***il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,*** il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Persuni b'Diżabilitajiet, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri [kollha] huma firmatarji. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet tinkludi ċ-caħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal hija l-unika konvenzjoni relevanti tan-Nazzjonijiet Uniti li mhix imniżżla preżentament f'din il-premessa. M'hemmx raġuni loġika għall-ommissjoni ta' din il-konvenzjoni li għandha l-istess importanza tat-trattati l-oħra msemmija hawnhekk.

Emenda 32
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni kontra diskriminazzjoni għall-persuni kollha jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Persuni b'Diżabilitajiet, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri [kollha] huma firmatarji. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet tinkludi ċ-caħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni.	(2) Id-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni kontra diskriminazzjoni għall-persuni kollha jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, ***il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,*** il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Persuni b'Diżabilitajiet, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri [kollha] huma firmatarji. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet tinkludi ċ-caħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 33
Claude Moraes, Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni kontra diskriminazzjoni għall-persuni kollha jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Persuni b'Diżabilitajiet, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri [kollha] huma firmatarji. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet tinkludi ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni.	(2) Id-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni kontra diskriminazzjoni għall-persuni kollha jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Persuni b'Diżabilitajiet, ***l-artikolu 14 u l-Protokoll Mhux Obbligatorju 12*** *tal*-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri [kollha] huma firmatarji. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet tinkludi ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jirrigwardaw l-ugwaljanza, jiġifieri l-artikolu 14 li jipprovdi għad-dritt tan-nondiskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet u l-Protokoll Mhux Obbligatorju 12 li huwa dritt indipendenti għall-ugwaljanza quddiem il-liġi.

Emenda 34
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-prinċipji tal-ugwaljanza u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni huma prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali, Ewropea u nazzjonali, li jorbtu l-attivitajiet tal-UE u tal-Istati Membri fil-materji kollha fil-kompetenza tagħhom. Din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba ta' dan l-għan u biex tingħeleb id-diskriminazzjoni li mhix kompatibbli magħha.

Or. en

Emenda 35
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.***	(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari ***mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 10 tagħha, u*** mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) u l-Artikoli 21 u 26 tagħha***.

Or. es

Emenda 36
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.	(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; ***l-Artikolu 24 jagħti drittijiet speċifiċi lit-tfal;*** u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.

Or. en

Emenda 37
Claude Moraes, Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; u	(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; ***l-Artikolu 20 jipprevedi li kulħadd huwa indaqs quddiem il-liġi;*** l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta'

l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.	reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt għall-ugwaljanza quddiem il-liġi huwa kunċett fundamentali għall-maġġoranza tal-Konvenzjonijiet internazzjonali u huwa msemmi fil-premessa 2 tal-abbozz ta' Direttiva. Peress li d-dritt ta' ugwaljanza quddiem il-liġi huwa inkluż ukoll fl-artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, huwa xieraq li jissemma fil-premessa 3. Għalkemm referenza ulterjuri għalih fil-premessa 3 ma jagħmlux vinkolanti fl-Istati Membri kollha, dan jgħin biex isaħħaħ l-importanza tiegħu bħala prinċipju ġenerali.

Emenda 38
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.	(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***, sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.

Or. es

Emenda 39
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) B'mod partikolari, din id-Direttiva tirrispetta d-Dikjazazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u Diskriminazzjoni Bbażati fuq Reliġjon jew Twemmin, ir-Riżoluzzjoni 36/55 tan-Nazzjonijiet Uniti.

Or. en

Emenda 40
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ta' diversità.	(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll il-***ħtieġa li jiġu promossi l-***benefiċċji ta' diversità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-inizjattivi pjuttost żiedu l-kuxjenza dwar il-ħtieġa li jiġu promossi l-benefiċċji tad-diversità. Is-segwitu ta' dawn l-inizjattivi huwa bżonnjuż ħafna biex jiġu promossi effikaċement il-benefiċċji tad-diversità.

Emenda 41
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età, jew orjentazzjoni sesswali tista' tfixkel il-kisba tal-għanijiet tat-Trattat KE, b'mod partikolari l-kisba ta' livell għoli ta' impjiegi u ta' protezzjoni soċjali, żieda fl-istandard tal-għejxien u l-kwalità tal-ħajja, koeżjoni u solidarjetà ekonomika u soċjali. Hija tista' tfixkel ukoll l-għan tal-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'differenza għad-direttivi preċedenti tal-UE dwar it-trattament ugwali, il-proposta attwali m'għandhiex premessa fil-preambolu li tirrikonoxxi l-importanza tal-prinċipju tat-trattament ugwali fil-liġi tal-UE. Aħna nipproponu l-inklużjoni ta' premessa ġdida bbażata fuq it-test meħud mid-Direttiva tal-oriġini razzjali jew etnika (2000/43, premessa 9). Dan it-test jenfasizza d-dritt għal trattament ugwali bħala prinċipju fundamentali fl-UE u jistabbilixxi b'mod ċar ir-relazzjoni bejn it-trattament ugwali u l-kisba tal-għanijiet tat-trattat KE.

Emenda 42
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Premessa 7 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Għandhom ikunu disponibbli proċeduri legali effikaċi biex wieħed jittratta s-sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni multipla jiġifieri fejn issir diskriminazzjoni għal żewġ raġunijiet jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikoli 12 u 13 KE. B'mod partikolari l-

proċeduri legali nazzjonali għandhom jiżguraw li min iressaq ilment ikun jista' jqajjem l-aspetti kollha f'allegazzjoni ta' diskriminazzjoni multipla fl-istess proċedura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Specific procedural difficulties can arise in cases of multiple discrimination. In some states, there are separate judicial or non-judicial adjudicatory bodies for different grounds of discrimination (e.g. separate forums for claims of sex or race discrimination). In order to avoid a situation where the individual has to 'split' their claim, the Emenda requires Member States to provide procedures which allow a victim of multiple discrimination to present all aspects of their case in a single legal procedure. The Emenda also recognises that legal redress is only one aspect of effective protection against multiple discrimination and that complementary non-legislative means also need to be adopted.

Emenda 43
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Din id-Direttiva tkopri wkoll diskriminazzjonijiet multipli, jiġifieri meta sseħħ diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' tnejn jew aktar mir-raġunijiet imniżżla fl-Artikoli 12 u 13 KE. Għandhom ikunu disponibbli proċeduri legali effikaċi biex ikunu trattati dawn is-sitwazzjonijiet, u l-proċeduri legali nazzjonali għandhom jiżguraw li min iressaq ilment jista' jqajjem l-aspetti kollha f'allegazzjoni ta' diskriminazzjoni multipla fl-istess proċedura.

Or. en

Emenda 44
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fil-komunikazzjoni li takkompanjaha 'Nuqqas ta' diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali: Impenn rinnovat' tat-2 ta' Lulju 2008 (COM(2008)0420 finali), il-Kummissjoni tenniet li l-Unjoni Ewropea diġà għandha wieħed mill-oqfsa legali ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni l-aktar avvanzat fid-dinja.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-impressjoni li m'hemmx biżżejjed protezzjoni mid-diskriminazzjoni fl-UE għandha tkun evitata.

Emenda 45
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi tal-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' ***sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin,*** diżabilità***,*** età ***jew orjentazzjoni sesswali***. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. ***B'mod partikolari, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u***	(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi tal-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ***diversi inklużi dawk*** ta' diżabilità ***u ta'*** età. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

orjentazzjoni sesswali. Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma tal-impjieg.

Or. en

Emenda 46
Sophia in 't Veld

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi tal-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. ***B'mod partikolari,*** d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol ***għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali.*** Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma tal-impjieg.	(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi tal-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. ***Id-Direttiva 2000/43/KE tistabbilixxi qafas kontra diskriminazzjoni bbażata fuq oriġini razzjali jew etnika fis-suq jew barra mis-suq tax-xogħol. Id-Direttiva 2004/113/KE tistabbilixxi qafas għat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi.*** *Id-*Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi, ***fir-rigward tar- raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali,*** qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma tal-impjieg.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li ssir referenza għal direttivi oħra kontra d-diskriminazzjoni, iżda wkoll li jibqgħu varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri rigward id-diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet oltre l-impjieg.

Emenda 47
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq ***reliġjon jew twemmin,*** diżabilità***,*** età ***jew orjentazzjoni sesswali*** fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż ***protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż*** akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.	(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq diżabilità ***jew*** età fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Or. en

Emenda 48
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon ***jew twemmin***, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma	Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni

koperti.	b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax titqies ekwivalenti għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali li jipprevedi l-istess regoli biex jitkoprew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jikkunsidrax id-differenzi bejniethom: pereżempju, it-twemmin ma jistax jitqies ekwivalenti għad-diżabbiltà. Hemm il-periklu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament inugwali fuq il-bażi ta' twemmin tista' tintuża ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 13, 21 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 49
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Michael Cashman, Claude Moraes, Lissy Gröner, Inger Segelström, Armando França, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.	(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq ***sess, oriġini razzjali jew etnika,*** reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Or. en

Emenda 50
Sophia in 't Veld

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.	(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq ***sess, oriġini razzjali jew etnika,*** reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi evitat li d-diskriminazzjoni bbażata fuq sess tibda titlef l-importanza fil-konfront tar-raġunijiet l-oħra, hija għandha tiddaħħal f'din il-premessa.

Emenda 51
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma	(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***, sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta'

koperti.	persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Or. es

Emenda 52
Claude Moraes, Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) F'din id-Direttiva, il-prodotti għandhom jitqiesu bħala dawk imfissra fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-prodotti. Is-servizzi għandhom jitqiesu bħala dawk imfissra fl-Artikolu 50 tat-Trattat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi ċċarat x'ifissru prodotti u servizzi fid-Direttiva. Il-premessa proposta hija bbażata fuq il-kliem tal-premessa 11 tad-Direttiva 2004/113/KE dwar Merkanzija u Servizzi fir-rigward tas-Sessi .

Emenda 53
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Id-Direttiva 2000/78/KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-aċċess għal taħriġ vokazzjonali; jeħtieġ li din il-protezzjoni tkun kompletata billi tiġi estiża l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għall-edukazzjoni li mhijiex meqjusa taħriġ	(10) Id-Direttiva 2000/78/KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-aċċess għal taħriġ vokazzjonali; jeħtieġ li din il-protezzjoni tkun kompletata billi tiġi estiża l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għall-edukazzjoni li mhijiex meqjusa taħriġ vokazzjonali***, fl-osservanza tal-libertà tar-***

vokazzjonali.	***reliġjon u bl-eċċezzjoni ta' dawk il-forom ta' edukazzjoni li huma bbażati fuq reliġjonijiet speċifiċi jew twemmin personali.***

Or. it

Emenda 54
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri fl-oqsma ta' edukazzjoni, sigurtà soċjali u protezzjoni tas-saħħa. Din għandha tkun ukoll bla ħsara għar-rwol essenzjali u diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri fil-provvista, kummissjoni u organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.	***imħassra***

Or. en

Emenda 55
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Din id-Direttiva ***għandha tkun*** bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri fl-oqsma ta' edukazzjoni, sigurtà soċjali u protezzjoni tas-saħħa. Din ***għandha tkun*** ukoll bla ħsara għar-rwol essenzjali u diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri fil-provvista, kummissjoni u organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.	(11) Din id-Direttiva ***hija*** bla ħsara għall-***eżerċizzju tal-***kompetenza tal-Istati Membri fl-oqsma ta' edukazzjoni ***u protezzjoni soċjali, inklużi dawk ta'*** sigurtà soċjali u protezzjoni tas-saħħa. Din ***hija*** ukoll bla ħsara għar-rwol essenzjali u diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri fil-provvista, kummissjoni u organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku

ġenerali.

Or. en

Emenda 56
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) B'diskriminazzjoni huwa mifhum li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli.	(12) B'diskriminazzjoni***, inkluża diskriminazzjoni multipla,*** huwa mifhum li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli***, diskriminazzjoni bbażata fuq suppożizzjonijiet u diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni.***.

Or. en

Emenda 57
Evangelia Tzampazi, Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dawk li għandhom limitazzjonijiet fiżiċi, mentali, intellettwali jew tas-sensigħal tul ta' żmien li flimkien ma' diversi ostakli, sew jekk ambjentali u sew jekk ta' attitudni, jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni shiha u effikaċi tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess bażi bħal ħaddieħor.

Or. en

Emenda 58
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Evangelia Tzampazi, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom limitazzjonijiet fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi għal tul ta' żmien li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effikaċi tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess bażi bħal ħaddieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reference is made to the preambulair text of the UN Convention on the rights of persons with disabilities, paragrafu e: "Recognizing that disability is an evolving concept and that disability results from the interaction between persons with impairments and attitudinal and environmental barriers that hinders their full and effective participation in society on an equal basis with others." This wording is restated in Artikolu 1 (Purpose):"The purpose of the present Convention is to promote, protect and ensure the full and equal enjoyment of all human rights and fundamental freedoms by all persons with disabilities, and to promote respect for their inherent dignity. Persons with disabilities include those who have long-term physical, mental, intellectual or sensory impairments which in interaction with various barriers may hinder their full and effective participation in society on an equal basis with others."

Emenda 59
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom limitazzjonijiet fiżiċi,

mentali, intellettwali jew fis-sensi għal tul ta' żmien li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effikaċi tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess bażi bħal ħaddieħor.

Or. en

Emenda 60
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom limitazzjonijiet fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi għal tul ta' żmien li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effikaċi tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess bażi bħal ħaddieħor.

Or. en

Emenda 61
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Minħabba l-piż eċċessiv fuq imtrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), dawn għandhom jingħataw protezzjoni speċjali, fuq il-mudell tal-Att dwar id-Drittijiet Ċivili tal-Istati Unit .

Or. de

Ġustifikazzjoni

Negozji żgħar huma esklużi mil-leġiżlazzjoni Amerikana kontra d-diskriminazzjoni mwaqqfa bl-Att dwar id-Drittijiet Ċivili tal-1964, minħabba l-piż tqil amministrattiv u finanzjarju u wkoll is-sitwazzjonijiet li huma diffiċli li tevalwahom f'termini legali.

Emenda 62
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Premessa 12 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Minħabba l-piż eċċessiv fuq imtrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), dawn għandhom jingħataw protezzjoni speċjali, skont il-mudell tal-Att dwar id-Drittiijiet Ċivili tal-Istati Uniti.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Negozji żgħar huma esklużi mil-leġiżlazzjoni Amerikana kontra d-diskriminazzjoni mwaqqfa bl-Att dwar id-Drittijiet Ċivili tal-1964, minħabba l-piż tqil amministrattiv u finanzjarju u wkoll is-sitwazzjonijiet li huma diffiċli li tevalwahom f'termini legali.

Emenda 63
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Premessa 12 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(12b) Diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' diżabbiltà tinkludi diskriminazzjoni għar-raġunijiet li persuna tkun akkompanjata jew megħjuna minn kelb ta' gwida rikonoxxut jew kelb ta' assistenza mħarreġ skont il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Klieb ta' Gwida jew skont l-istandards Internazzjonali tal-**

Klieb ta' Assistenza.

Or. en

Emenda 64
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Stavros Lambrinidis, Evangelia Tzampazi, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 12 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Aċċess mhux diskriminatorju effettiv jista' jiġi pprovdut permezz ta' varjetà ta' mezzi, inkluż permezz ta' "tfassil għal kulħadd" u permezz tal-faċilitazzjoni tal-użu ta' mekkaniżmi ta' assistenza minn persuni b'diżabbiltà, inkluż għajnuna għal mobilità u aċċess.

Or. en

Emenda 65
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal direttiva
Premessa 12 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Aċċess mhux diskriminatorju effikaċi jista' jiġi pprovdut permezz ta' varjetà ta' mezzi, inkluż permezz ta' "tfassil għal kulħadd" u permezz tal-faċilitazzjoni tal-użu ta' mekkaniżmi ta' assistenza minn persuni b'diżabbiltà, inkluż għajnuna għal mobilità u aċċess.

Or. en

Emenda 66
Sophia in 't Veld

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Aċċess mhux diskriminatorju effettiv jista' jiġi pprovdut permezz ta' varjetà ta' mezzi, inkluż permezz ta' "tfassil għal kulħadd" u permezz tal-faċilitazzjoni tal-użu ta' mekkaniżmi ta' assistenza minn persuni b'diżabbiltà, inkluż għajnuna għal mobilità u aċċess.

Or. en

Emenda 67
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Armando França, Inger Segelström, Lissy Gröner, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ***irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali,*** il-Komunità għandha, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza ***bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta'*** diskriminazzjoni multipla.	(13) ***Peress li diskriminazzjoni tista' sseħħ għal raġunijiet multipli,*** *fl-*implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali***,*** il-Komunità għandha, *skont* l-***Artikoli*** 3(2) ***u 13*** tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi ***relatati ma' sess, oriġini razzjali jew etnika, diżabbiltà, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew twemmin, jew età, jew taħlita ta' dawn***, u li tippromwovi ugwaljanza***, tkun xi tkun it-taħlita tal-karatteristiċi imsemmija hawn fuq. Meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iqisu d-***diskriminazzjoni multipla.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jestendi l-premessa 13 attwali li tirreferi għal diskriminazzjoni multipla esperjenzata min-nisa biex ikunu koperti r-raġunijiet kollha inklużi fl-Artikolu 13.

Emenda 68
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon ***jew twemmin***, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.	(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax titqies ekwivalenti għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali li jipprevedi l-istess regoli biex jitkoprew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jikkunsidrax id-differenzi bejniethom: pereżempju, it-twemmin ma jistax jitqies ekwivalenti għad-diżabbiltà. Hemm il-periklu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament inugwali fuq il-bażi ta' twemmin tista' tintuża ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 9, 13 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 69
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-	(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-

reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.	reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***, sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.
	Or. es

Emenda 70
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal direttiva
Premessa 13 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva u meta jkunu ġġudikati lmenti ta' diskriminazzjoni, għandu jkun hemm għarfien kemm jista' jkun rigward id-diskriminazzjoni multipla, b'kunsiderazzjoni mhux biss ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, orjentazzjoni sesswali jew età, iżda wkoll ta' sess u ta' oriġini razzjali u etnika.
	Or. de

Emenda 71
Evangelia Tzampazi, Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Differenzi fit-trattament relatati ma' età u diżabbiltà jistgħu jkunu permessi jekk ikunu ġustifikati oġġettivament u b'mod raġonevoli minn għan leġittimu u l-mezzi tal-kisba ta' dak l-għan ikunu

xierqa u neċessarji. Dawn id-differenzi fit-trattament jistgħu jinkludu, pereżempju, kundizzjonijiet speċjali ta' età rigward aċċess għal ċertu prodotti jew servizzi bħal xorb alkoħoliċi, armi, jew liċenzji tas-sewqan. Il-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika, kulturali jew soċjali ta' żgħażagħ jew persuni anzjani jew persuni b'diżabbiltà hija kkunsidrata bħala għan leġittimu. Għalhekk miżuri relatati ma' età u diżabbiltà li jistabbilixxu kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li huma disponibbli għal nies oħra, bħal eżenzjoni mill-ħlas jew tariffi mnaqqsa għall-użu ta' trasport pubbliku, mużewijiet, jew faċilitajiet sportivi, huma preżunti kompatibbli mal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 72
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Differenzi fit-trattament relatati ma' età u diżabbiltà jistgħu jkunu permessi jekk ikunu ġustifikati oġġettivament u b'mod raġonevoli minn għan leġittimu u l-mezzi tal-kisba ta' dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa. Dawn id-differenzi fit-trattament jistgħu jinkludu, pereżempju, kundizzjonijiet speċjali tal-età rigward aċċess għal ċertu prodotti jew servizzi bħal xorb alkoħoliku, armi, jew liċenzji tas-sewqan. Il-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika, kulturali jew soċjali ta' żgħażagħ jew persuni anzjani jew persuni b'diżabbiltà hija kkunsidrata bħala għan leġittimu. Għalhekk miżuri relatati ma' età u diżabbiltà li jistabbilixxu kundizzjonijiet aktar

favorevoli minn dawk li huma disponibbli għal nies oħra, bħal eżenzjoni mill-ħlas jew tariffi mnaqqsa għall-użu ta' trasport pubbliku, mużewijiet, jew faċilitajiet sportivi, huma preżunti kompatibbli mal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 73
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Differenzi fit-trattament relatati ma' età u diżabbiltà jistgħu jkunu permessi jekk ikunu ġustifikati oġġettivament u b'mod raġonevoli minn għan leġittimu u l-mezzi tal-kisba ta' dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa. Dawn id-differenzi fit-trattament jistgħu jinkludu, pereżempju, kundizzjonijiet speċjali tal-età rigward aċċess għal ċertu prodotti jew servizzi bħal xorb alkoħoliku, armi, jew liċenzji tas-sewqan. Il-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika, kulturali jew soċjali ta' żgħażagħ jew persuni anzjani jew persuni b'diżabbiltà hija kkunsidrata bħala għan leġittimu. Għalhekk miżuri relatati ma' età u diżabbiltà li jistabbilixxu kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li huma disponibbli għal nies oħra, bħal pereżempju biljetti b'xejn jew rati mnaqqa għat-trasport, mużewijiet, jew faċilitajiet sportivi, huma preżunti kompatibbli mal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 74
Inger Segelström

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-fatturi attwarjali u ta' riskju li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilità u età jintużaw fl-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Dawn ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fejn il-fatturi jkunu jidhru li huma fatturi ***ewlenin*** għall-evalwazzjoni tar-riskju.	(15) Il-fatturi attwarjali u ta' riskju li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilità u età jintużaw fl-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Dawn ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fejn il-fatturi jkunu jidhru li huma fatturi ***li jiddeterminaw direttament*** *l*-evalwazzjoni tar-riskju. ***Dawk li għandhom diżabbiltà u l-anzjani għandu, madankollu, jkollhom id-dritt li jħossuhom sikuri u, għalhekk, li jkunu jistgħu jużaw servizzi ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji jew servizzi finanzjarji oħra bl-istes mod bħall-bqija tal-popolazzjoni. Tariffi u primjums jistgħu ma jkunux inġustifikati iżda għandhom ikunu ġusti u raġonevoli b'mod dimostrabbli; inkella, għandha tapplika d-direttiva. Lanqas ma għandha żieda fit-tariffi u primjums għal servizzi ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji jew servizzi finanzjarji oħra tkun tali li proporzjon kbir tal-individwi kkonċernati ma jkunux kapaċi jħallsu jew jabbonaw fis-servizz ikkonċernat.***

Or. sv

Ġustifikazzjoni

Wisq kumpaniji jirreferu għal żidiet fl-ispejjeż biex jiġġustifikaw primjums, prezzijiet u tariffi ogħla. Il-primjums, prezzijiet u tariffi li jogħlew għandhom, madankollu, ikunu fuq l-istess livell mal-ispiża addizzjonali attwali u m'għandhomx ikunu mod ta' kif il-kumpaniji jaqilgħu l-flus b'mod faċli.

Emenda 75
Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
raġunijiet ta' reliġjon u twemmin minn individwi, knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza. Miżuri li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw dan l-aċċess. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-organizzazzjoni. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

Or. en

Emenda 115
Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma tippreġudikax is-sitwazzjoni skont liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. ***Miżuri li jippermettu li***	(19) ***Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni hija parti importanti għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari, il-libertà ta' reliġjon, u l-libertà ta' assoċjazzjoni.*** L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma tippreġudikax is-

persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw dan l-aċċess. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-organizzazzjoni. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

sitwazzjoni skont liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. ***Id-direttiva tirrispetta l-abbiltà tal-Istati Membri biex jużaw leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiżguraw in-natura sekulari tal-istat.*** Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-organizzazzjoni. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta tqiegħed ir-rikonoxximent tal-limiti tal-kompetenza tal-UE f'dan il-qasam b'mod ċar fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tirrikonoxxi l-istatus tad-Direttiva proposta bħala strument tad-drittijiet fundamentali li mhux biss tirrispetta iżda wkoll timplimenta d-drittijiet fundamentali u tirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri.

Emenda 116
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma tippreġudikax is-sitwazzjoni skont liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri	(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma tippreġudikax is-sitwazzjoni skont liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri

u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. Miżuri li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw dan l-aċċess. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-organizzazzjoni. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. ***Din id-Direttiva għalhekk tirrispetta leġiżlazzjoni nazzjonali li tiggarantixxi l-istatus u l-attivitajiet tagħhom u ma tapplikax għalihom.*** Miżuri li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw dan l-aċċess. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-organizzazzjoni. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-premessa 19 tinkorpora d-Dikjarazzjoni dwar l-istatus tal-knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam (Dikjarazzjoni Nru 11). Il-konsegwenzi ta' dik l-inklużjoni għall-ambitu tad-direttiva għandhom ikunu riflessi wkoll fit-test.

Emenda 117
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Stavros Lambrinidis, Evangelia Tzampazi, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 19 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Miżuri li jippermettu lil persuni b'diżabbiltà li jkollhom aċċess effettiv

mhux diskriminatorju għall-oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw dan l-aċċess. F'ebda każ ma huma meħtieġa miżuri li jimponu piż sproporzjonat.

Or. en

Emenda 118
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu ***grupp ta'*** persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.	(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari***, jew li għandhom taħlita ta' dawn il-karatteristiċi speċifiċi, u l-persuni assoċjati magħhom. Dan jista' jkun akkompanjat minn miżuri maħsuba sabiex jippromwovu trattament ugwali u opportunitajiet indaqs li jikkunsidraw id-dimensjoni tas-sess u azzjonijiet affermativi mmirati lejn il-kisba ta' bżonnijiet speċjali ta' persuni jew kategoriji ta' persuni li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, jeħtieġu strutturi, servizzi u assistenza mhux meħtieġa minn oħrajn.*** *Dawn il-miżuri* ***għandhom ikunu akkompanjati mill-istabbiliment ta'*** *organizzazzjonijiet* ***indipendenti*** *ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari* li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta'

dawk il-persuni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu azzjoni affermativa biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni.

Emenda 119
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' ***reliġjon jew twemmin,*** diżabilità***,*** età ***jew orjentazzjoni sesswali*** partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.	(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' diżabilità ***jew*** età partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.

Or. en

Emenda 120
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon ***jew twemmin***,	(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon, diżabilità, età

diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.	jew orjentazzjoni sesswali partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax titqies ekwivalenti għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali li jipprevedi l-istess regoli biex jitkoprew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jikkunsidrax id-differenzi bejniethom: pereżempju, it-twemmin ma jistax jitqies ekwivalenti għad-diżabbiltà. Hemm il-periklu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament inugwali fuq il-bażi ta' twemmin tista' tintuża ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 9, 13 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 121
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.	(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***, sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew orjentazzjoni sesswali partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.

Or. es

Emenda 122
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq ***reliġjon jew twemmin,*** diżabilità***,*** età ***jew orjentazzjoni sesswali*** għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell aktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.	(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq diżabilità *jew* età għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell aktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

Or. en

Emenda 123
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell aktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.	(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***, sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew orjentazzjoni sesswali għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell aktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

Or. es

Emenda 124
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon ***jew twemmin***, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell aktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.	(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell aktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax tkun imqabbla ma' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali tal-istabbiliment tal-istess regoli biex ikunu koperti l-forom kollha ta' diskriminazzjoni jikkunsidra d-differenzi bejniethom: pereżempju, twemmin ma jistax ikun imqabbel ma' diżabbiltà. Hemm perikolu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament mhux indaqs fuq il-bażi ta' twemmin tista' tkun użata ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 13, 21 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 125
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova	(24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova

għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni *prima facie* u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa' jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta' din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent ***għandu reliġjon jew twemmin partikolari,*** għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari ***jew għandu orjentazzjoni sesswali partikolari***.	għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni *prima facie* u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa' jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta' din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari.
	Or. en

Emenda 126
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni *prima facie* u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa' jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta' din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent għandu reliġjon jew twemmin partikolari, għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari jew għandu orjentazzjoni sesswali partikolari.	(24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni *prima facie* u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa' jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta' din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent għandu reliġjon jew twemmin partikolari, għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari***, huwa membru ta' assoċjazzjoni partikolari, huwa ta' sess partikolari*** jew għandu orjentazzjoni sesswali partikolari.
	Or. es

Emenda 127
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Esperjenza fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE turi li l-protezzjoni minn diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti minn din id-Direttiva tkun imsaħħa bl-eżistenza ta' korp jew korpi f'kull Stat Membru, bil-kompetenza li tanalizza l-problemi involuti, tistudja soluzzjonijiet possibbli u tipprovdi assistenza konkreta għall-vittmi.	(27) Esperjenza fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE***, 2000/78/KE*** u 2004/113/KE turi li l-protezzjoni minn diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti minn din id-Direttiva tkun imsaħħa bl-eżistenza ta' korp jew korpi ***indipendenti*** f'kull Stat Membru, ***għal kull wieħed mid-diversi fatturi ta' diskriminazzjoni,*** bil-kompetenza li tanalizza l-problemi involuti, tistudja soluzzjonijiet possibbli ***tipprovdi informazzjoni u taħriġ*** u tipprovdi assistenza konkreta għall-vittmi***, inkluż f'każijiet ta' diskriminazzjoni multipla biex persuni li jikkunsidraw lilhom infushom bħala vittmi ta' diskriminazzjoni multipla jistgħu jagħżlu ma' liema korp japplikaw – u wkoll jinnominaw biex jiddefendihom fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrativi***.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għandha tkun magħmula wkoll referenza għad-Direttiva 78/2000 b'referenza għar-responsabiltajiet tal-korpi l-ġodda u għandha tissemma l-problema ta' diskriminazzjoni multipla.

Emenda 128
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal	***1.*** Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni***, inkluż***

raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.

diskriminazzjoni multipla, għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.

2. Diskriminazzjoni multipla ssir meta d-diskriminazzjoni hi

(a) fuq kull taħlita tar-raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età, jew orjentazzjoni sesswali, jew

(b) dwar raġuni waħda jew aktar minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 1(1), u wkoll dwar raġuni waħda jew aktar ta'

(i) sess (safejn s-suġġett li hemm ilment dwaru huwa fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u provvista ta' prodotti u servizzi kif ukoll din id-Direttiva),

(ii) oriġini razzjali jew etnika (safejn is-suġġett li hemm ilment dwaru huwa fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika kif ukoll din id-Direttiva), jew

iii) nationalità (safejn is-suġġett li hemm ilment dwaru huwa fl-ambitu tal-Artikolu 12 KE).

3. F'din id-Direttiva diskriminazzjoni multipla u raġunijiet multipli għandhom ikunu interpretati kif jeħtieġ.

Or. en

Ġustifikazzjonijiet

In recent years, research has increasingly recognised the phenomenon of multiple discrimination. The structure of anti-discrimination legislation often creates barriers to dealing with this in a comprehensive fashion. EU legislation has created separate rules for race and ethnicity, religion and belief, age, disability, sexual orientation and gender even

these are frequently intertwined. Having the same level of legal protection as the Racial Equality Direttiva, but covering the grounds of religion or belief, disability, age and sexual orientation is therefore an essential starting punt for addressing multiple discrimination. Alongside the overlap between religion and ethnicity, it is also evident that religion is closely connected to nationality. Many Muslim, Sikh, Hindu and other religious minority communities in Europe are composed of third country nationals or their descendents. Therefore, discrimination on grounds of nationality may be difficult to disentangle from discrimination based on religion or ethnicity. This has been recognised in ECRI's recommendation on national legislation to combat racism; it calls for comprehensive laws prohibiting discrimination on ethnic origin, religion and nationality. At the same time, simply having a new Direttiva on all four grounds will not be sufficient. Difficulties can arise with the manner in which EU Direttivas are transposed into national legislation. Member States remain free to implement the Direttivas via separate legislation for each discrimination ground, or to create different avenues for enforcement. For example, in Austria, the Equal Treatment Commission is divided into three 'senates': one dealing with gender discrimination in employment; one dealing with discrimination in employment on grounds of racial or ethnic origin, religion or belief, age and sexual orientation; and one dealing with discrimination outside employment on grounds of racial or ethnic origin. Separate institutional structures exist in relation to disability. It is therefore essential that the Direttiva explicitly confronts the issue of multiple discrimination and requires Member States to address this in their national legal frameworks.

Emenda 129
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.	***1.*** Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni***, inkluż diskriminazzjoni multipla,*** għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni. ***2. Diskriminazzjoni multipla ssir meta d-diskriminazzjoni hi*** ***(a) fuq kull taħlita tar-raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età, jew orjentazzjoni sesswali, jew*** ***(b) dwar raġuni waħda jew aktar minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 1(1), u wkoll***

dwar raġuni waħda jew aktar ta'

(i) sess (safejn s-suġġett li hemm ilment dwaru huwa fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u provvista ta' prodotti u servizzi kif ukoll din id-Direttiva),

(ii) oriġini razzjali jew etnika (safejn is-suġġett li hemm ilment dwaru huwa fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika kif ukoll din id-Direttiva), jew

3. F'din id-Direttiva diskriminazzjoni multipla u raġunijiet multipli għandhom ikunu interpretati kif jeħtieġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In recent years, research has increasingly recognised the phenomenon of multiple discrimination. The structure of anti-discrimination legislation often creates barriers to dealing with this in a comprehensive fashion. EU legislation has created separate rules for race and ethnicity, religion and belief, age, disability, sexual orientation and gender even these are frequently intertwined. Having the same level of legal protection as the Racial Equality Direttiva, but covering the grounds of religion or belief, disability, age and sexual orientation is therefore an essential starting punt for addressing multiple discrimination. Alongside the overlap between religion and ethnicity, it is also evident that religion is closely connected to nationality. Many Muslim, Sikh, Hindu and other religious minority communities in Europe are composed of third country nationals or their descendents. Therefore, discrimination on grounds of nationality may be difficult to disentangle from discrimination based on religion or ethnicity. This has been recognised in ECRI's recommendation on national legislation to combat racism; it calls for comprehensive laws prohibiting discrimination on ethnic origin, religion and nationality. At the same time, simply having a new Direttiva on all four grounds will not be sufficient. Difficulties can arise with the manner in which EU Direttivas are transposed into national legislation. Member States remain free to implement the Direttivas via separate legislation for each discrimination ground, or to create different avenues for enforcement. For example, in Austria, the Equal Treatment Commission is divided into three 'senates': one dealing with gender discrimination in employment; one dealing with discrimination in employment on grounds of racial or ethnic origin, religion or belief, age and sexual orientation; and one dealing with discrimination outside employment on grounds of racial or ethnic origin. Separate institutional structures exist in relation to

disability. It is therefore essential that the Direttiva explicitly confronts the issue of multiple discrimination and requires Member States to address this in their national legal frameworks.

Emenda 130
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, ***mard kroniku li ma jittiħidx, HIV/AIDS,*** età jew orjentazzjoni sesswali, ***dħul jew appartenenza għal klassi soċjali,*** sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Mhux il-mard kroniku kollu li jista' jwassal għal diskriminazzjoni huwa kkunsidrat bħala diżabbiltà. Il-kriterju ta' appartenenza għal klassi soċjali huwa maħsub biex jipprevjeni diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' klassi.

Emenda 131
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' ***reliġjon jew twemmin,*** diżabilità***,*** età ***jew orjentazzjoni sesswali,*** sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' diżabilità ***jew*** età sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.

oqsma ta' impjieg u professjoni.

Or. en

Emenda 132
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon ***jew twemmin,*** diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax titqies ekwivalenti għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali li jipprevedi l-istess regoli biex jitkoprew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jikkunsidrax id-differenzi bejniethom: pereżempju, it-twemmin ma jistax jitqies ekwivalenti għad-diżabbiltà. Hemm il-periklu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament inugwali fuq il-bażi ta' twemmin tista' tintuża ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 9, 13, 21 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 133
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan ewlieni tad-direttiva huwa li tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u li ddaħħal fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali, barra	L-għan ewlieni tad-direttiva huwa li tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***, sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew

mill-kamp tal-impjieg. Id-direttiva ma tipprojbixxix differenzi ta' trattament ibbażat fuq sess li huma koperti mill-Artikoli 13 u 141 tat-Trattat tal-KE u leġiżlazzjoni sekondarja relatata.	orjentazzjoni sesswali u li ddaħħal fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali, barra mill-kamp tal-impjieg. Id-direttiva ma tipprojbixxix differenzi ta' trattament ibbażat fuq sess li huma koperti mill-Artikoli 13 u 141 tat-Trattat tal-KE u leġiżlazzjoni sekondarja relatata.

Or. es

Emenda 134
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-"prinċipju ta' trattament ugwali" għandu jfisser li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1.	1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-"prinċipju ta' trattament ugwali" għandu jfisser li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta ***diskriminazzjoni multipla jew diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni,*** għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għall-problema ta' diskriminazzjoni multipla u diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni.

Emenda 135
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) diskriminazzjoni diretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda	(a) diskriminazzjoni diretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda

hija trattata b'mod inqas favorevoli milli oħra hi, kienet jew se tkun trattata f'sitwazzjoni simili, għal ***kwalunkwe*** mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;	hija trattata b'mod inqas favorevoli milli oħra hi, kienet jew se tkun trattata f'sitwazzjoni simili, għal ***waħda jew aktar*** mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1***, jekk l-għan jew l-effett ta' dak it-trattament huwa ċ-ċaħda, rifjut li jkun rikonoxxut jew limitazzjoni ta' dritt leġittimu jew l-eżerċizzju tiegħu***;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li d-diskriminazzjoni tkun definita b'mod aktar strett, u li l-konsegwenzi tat-'trattament' jiffurmaw parti mis-suġġett.

Emenda 136
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) diskriminazzjoni diretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda hija trattata b'mod inqas favorevoli milli oħra hi, kienet jew se tkun trattata f'sitwazzjoni simili, għal ***kwalunkwe*** mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;	(a) diskriminazzjoni diretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda hija trattata b'mod inqas favorevoli milli oħra hi, kienet jew se tkun trattata f'sitwazzjoni simili, għal ***waħda jew aktar*** mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

Or. it

Emenda 137
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b)

Mhux applikabbli għall-verżjoni bil-Malti

Or. it

Emenda 138
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' ***reliġjon jew twemmin partikolari,*** diżabilità partikolari***,*** età partikolari, ***jew orjentazzjoni sesswali partikolari*** fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.	(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' diżabilità partikolari ***jew*** età partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.

Or. en

Emenda 139
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ***ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari*** fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma	(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ***li jappartjenu f'waħda jew aktar mill-kategoriji definiti skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1*** fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma

approprjati u neċessarji.	approprjati u neċessarji.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Maħsub biex jiżgura l-kjarifika tal-proposta leġiżlattiva.

Emenda 140
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.	(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari***, jew persuni li huma assoċjati ma' tali persuni,*** fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.

Or. en

Emenda 141
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew	(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew

twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji..	twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, ***sħubija f'assoċjazzjoni partikolari, sess partikolari,*** jew orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.

Or. es

Emenda 142
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon ***jew twemmin*** partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.	(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax titqies ekwivalenti għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali li jipprevedi l-istess regoli biex jitkoprew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jikkunsidrax id-differenzi bejniethom: pereżempju, it-twemmin ma jistax jitqies ekwivalenti għad-diżabbiltà. Hemm il-periklu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament inugwali fuq il-bażi ta' twemmin tista' tintuża ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 9, 13, 21 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 143
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt (b a) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni għandha tkun ikkunsidrata li ssir meta persuna ssofri effetti negattivi bħala riżultat ta' assoċjazzjoni diretta ma' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari. Diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni għandha tikkonċerna lil persuni assoċjati – jew preżunti li huma assoċjati– b'rabtiet emozzjonali – li mhux neċessarjament qed jgħixu flimkien u indipendentement mill-istatus legali formali perezz ta' żwieġ jew affiljazzjoni – ma' persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni għandha tkun definita.

Emenda 144
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti,	***imħassar***

ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. de

Ġustifikazzjoni

'Kondotta mhix mixtieqa', 'intimidazzjoni' u 'fastidju' mhumiex termini legali oġġettivi u definiti b'mod ċar. L-evalwazzjoni ta' jekk każ speċifiku jikkonċernax 'kondotta mhix mixtieqa', 'intimidazzjoni' u/jew 'fastidju' mhix sempliċi fil-prattika.

Emenda 145
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju ***għandu*** jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, ***meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.***	3. Fastidju***, kif definit u rikonoxxut mil-liġijiet tal-Istati Membri, jista'*** jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Or. fr

Emenda 146
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju ***għandu*** jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, ***meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti,***	3. Fastidju ***, kif definit mil-liġijiet tal-Istati Membri, jista'*** jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. fr

Emenda 147
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. ***F'dan il-kuntest, il-kunċetti ta' fastidju u kondotta mhix mixtieqa jistgħu jkunu definiti skont il-liġijiet nazzjonali u l-prattika tal-Istati Membri.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' fastidju fid-direttiva l-ġdida għandu jkun definit b'mod konsistenti mal-kunċetti ta' fastidju użati fid-Direttivi 2000/78/KE u 2000/43/KE. Il-kliem hawnhekk għandu għalhekk ikun l-istess bħal dak fl-Artikolu 2(3) tad-Direttivi 2000/78/KE u 2000/43/KE. Peress li t-termini 'fastidju' u 'kondotta mhix mixtieqa' mhumiex termini legali ċari, l-Istati Membri jistgħu jfasslu dispożizzjonijiet aktar dettaljati.

Emenda 148
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta'	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta'

diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. ***F'dan il-kuntest, il-kunċett ta' fastidju jista' jkun definit skont il-liġijiet nazzjonali u l-prattika tal-Istati Membri.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' fastidju fid-direttiva l-ġdida għandu jkun definit b'mod konsistenti mal-kunċetti ta' fastidju użati fid-Direttivi 2000/78/KE u 2000/43/KE. Il-kliem hawnhekk għandu għalhekk ikun l-istess bħal dak fl-Artikolu 2(3) tad-Direttivi 2000/78/KE u 2000/43/KE.

Emenda 149
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. ***F'dan il-kuntest, il-kunċett ta' fastidju jista' jkun definit skont il-liġijiet nazzjonali u l-prattika tal-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Referenza għal liġijiet u prattiċi nazzjonali għandha tkun miżjuda skont id-direttivi 2000/43 u 2000/78 preċedenti.

Emenda 150
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ ***f'ambjent magħluq*** bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. ***Dan għandu jkun minkejja d-dritt għal-libertà ta' espressjoni***

Or. en

Emenda 151
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Stavros Lambrinidis, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fastidju*** għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. ***Minkejja l-libertà tal-espressjoni, fastidju*** għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. en

Emenda 152
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju ***għandu*** jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta ***mhix mixtieqa*** li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju ***jista' wkoll*** jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. de

Ġustifikazzjoni

'Kondotta mhix mixtieqa', 'intimidazzjoni' u 'fastidju' mhumiex termini legali oġġettivi u definiti b'mod ċar. L-evalwazzjoni ta' jekk każ speċifiku jikkonċernax 'kondotta mhix mixtieqa', 'intimidazzjoni' u/jew 'fastidju' mhix sempliċi fil-prattika.

Emenda 153
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta ***mhix mixtieqa*** li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Kwlaunkwe kondotta li tinvolvi ' li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u (...) ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv' hija mhix mixtieqa. Jekk il-kelma 'mhix mixtieqa' hija miżmuma, tista' timplika li aġir ta' dan it-tip jista' jkun 'mixtieq' minn individwu partikolari, u persuna li tiddiskrimina kontra individwu tista' għalhekk tallega li dak l-individwu 'xtaq' li jkun hemm diskriminazzjoni kontrih.

Emenda 154
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fastidju sesswali għandu jkun ikkunsidrat li jkun forma ta' diskriminazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa b'konnotazzjonijiet sesswali, espressa f'forma fiżika, verbali jew mhux verbali, sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fastidju sesswali għandu jkun inkluż f'din id-direttiva, b'mod partikolari diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali.

Emenda 155
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Istruzzjoni li tiddiskrimina kontra persuni minħabba kwalunkwe mir-	(4) Istruzzjoni ***jew rikjesta, ibbażata fuq relazzjoni ġerarkika,*** li tiddiskrimina

raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ikkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

kontra persuni minħabba kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ikkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

[L-ewwel parti tal-emenda ma taffettwax il-verżjoni Maltija] *Ikopri l-medda sħiħa ta' relazzjonijiet ġerarkiċi possibbli f'istituzzjoni.*

Emenda 156
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Istruzzjoni li tiddiskrimina kontra persuni minħabba ***kwalunkwe*** mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ikkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	4. Istruzzjoni li tiddiskrimina kontra persuni minħabba ***waħda jew aktar*** mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ikkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fl-interessi ta' konsistenza, l-idea ta' 'raġunijiet multipli' għandha tkun inkluża wkoll b'referenza għal istruzzjonijiet li tiddiskrimina.

Emenda 157
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Diskriminazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 1 tinkludi diskriminazzjoni

għar-raġunijiet li persuna għandha, jew hi kkunsidrata li għandha, familja jew relazzjoni oħra ma' persuna li għandha reliġjon jew twemmin partikolari, diżabbiltà partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari.

Or. en

Emenda 158
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Kondotta diskriminatorja għandha tinkludi kwalunkwe forma ta' kondotta attiva jew passiva, li l-effetti tagħha jrawmu diskriminazzjoni diretta jew indiretta skont it-tifsira tal-paragrafi 2, 3 jew 4.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Vindikazzjoni tal-marginalizzazzjoni ta' ċertu gruppi ma' tistax tkun tollerata, anke f'ċirkostanzi li fihom l-awtur m'għandux il-poter li jieħu deċiżjonijiet rigward il-persuni mmirati.

Emenda 159
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4a ma jistgħux ikunu interpretati b'tali mod li jillimitaw id-dritt għal-libertà ta' espressjoni, id-dritt ta' opinjoni jew id-

dritt ta' informazzjoni.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-garanzija ta' drittijiet personali fil-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 1 ma tistax tidħol f'kunflitt mad-drittijiet u libertajiet fundamentali skont din l-emenda.

Emenda 160
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni għandha tkun ikkunsidrata li tfisser kwalunkwe att ta' diskriminazzjoni mwettaq kontra persuna li, għalkemm ma tappartjenix għall-kategoriji msemmija skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1, hija assoċjata ma' persuna jew persuni li jappartjenu f'waħda minn dawn il-kategoriji.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'ħafna ċirkostanzi, persuni assoċjati mal-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 1 huma suġġetti għal atti ta' diskriminazzjoni, bħala ħbieb jew kollegi tagħhom, eċċ.

Emenda 161
Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli	5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli

f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet***, jew persuni li huma assoċjati ma' persuni b'diżabbiltà, fejn hija meħtieġa akkomodazzjoni sabiex tippermetti li din il-persuna tipprovdi assistenza lil persuna b'diżabbiltà,*** għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda testendi l-obbligu li tipprovdi akkomodazzjoni raġonevoli lil individwi li huma assoċjati ma' persuna b'diżabbiltà u jipprovdu assistenza personali lil dik il-persuna. L-akkomodazzjoni inkwistjoni hija meħtieġa biss meta din tippermetti lil individwu biex (ikompli) jipprovdi assistenza personali, u l-emenda hija maħsuba biex tipprevjeni li jkun esperjenzat żvantaġġ mill-persuna b'diżabbiltà.

Emenda 162
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni ***jew persuni assoċjati magħhom*** fis-sens tal-paragrafu 1.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fl-interessi ta' konsistenza, għandu jkun provdut ukoll f'dan ir-rigward għal diskriminazzjoni ta' assoċjazzjoni.

Emenda 163
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ***u l-Artikolu 4a*** ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet ***u tfal żgħar*** għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 164
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-aġir ta' persuna jew organizzazzjoni li ma tirrispettax il-prinċipji stabbiliti f'din id-Direttiva m'għandux ikun ikkunsidrat bħala forma ta' diskriminazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 1 meta dan l-aġir huwa mmotivat minn etos ibbażat fuq reliġjon jew twemmin.

Or. es

Emenda 165
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li*** differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ***ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni,*** jekk***, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali,*** huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. ***B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi*** l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal ***benefiċċji*** soċjali***,*** għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	6. ***Din id-Direttiva ma tipprekludix*** differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ***u diżabbiltà,*** jekk huma ***oġġettivament u raġonevolment*** ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji.
	Dawn id-differenzi fi trattament jistgħu jinkludu l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal ***protezzjoni*** soċjali***, inkluż għal sigurtà soċjali u għal kura tas-saħħa; għal vantaġġi soċjali;*** għal edukazzjoni***;*** u għal ċerti provvisti jew servizzi ***li huma disponibbli għall-pubbliku***.
	Dawn li ġejjin huma kkunsidrati li huma kompatibbli mal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjon: l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet aktar favorevoli għal aċċess għal protezzjoni soċjali, inkluż sigurtà soċjali u kura tas-saħħa; vantaġġi soċjali; edukazzjoni; u ċertu provvisti jew servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, għaż-żgħażagħ jew persuni anzjani jew għal persuni b'diżabbiltà, sabiex tkun promossa l-integrazzjoni ekonomika, kulturali jew soċjali tagħhom.

Or. en

Emenda 166
Evangelia Tzampazi, Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li*** differenzi ***fi*** trattament għal raġunijiet ta' età ***ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni,*** jekk, ***fil-kuntest ta' liġi nazzjonali,*** huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. ***B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi*** l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal ***benefiċċji*** soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	6. ***Din id-Direttiva ma tipprekludix*** differenzi ***fi*** trattament għal raġunijiet ta' età ***u diżabbiltà*** jekk huma ***oġġettivament u raġonevolment*** ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. ***Din id-differenza fit-trattament tista' tinkludi*** l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal ***protezzjoni*** soċjali, ***inkluż għal sigurtà soċjali u għal kura tas-saħħa; għal vantaġġi soċjali;*** għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi ***li huma disponibbli għall-pubbliku***.

Or. en

Emenda 167
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ***ta' età*** ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni***,*** jekk***, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji.*** B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament ***għar***-raġunijiet ***stabbiliti fl-Artikolu 1*** ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni jekk ***hemm raġuni oġġettiva għall-ksur tagħhom.*** B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċara għala differenzi fi trattament għandhom ikunu possibbli biss għar-raġuni ta' età. L-Artikolu 2(6) għandu għalhekk ikun estiż biex ikopri l-fatturi kollha li fuqhom tista' tkun ibbażata diskriminazzjoni. B'kuntrast mal-qasam ta' impjieg u xogħol, m'hemmx bżonn ta' test ta' proporzjonalità.

Emenda 168
Carlo Casini, Iles Braghetto

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età***, reliġjon jew twemmin personali, diżabbiltà u orjentazzjoni sesswali*** ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jipprovdu għal differenzi fi trattament f'ċirkostanzi raġonevoli partikolari. Il-kunċett ta' diskriminazzjoni ivarja fil-liġi u l-ġurisprudenza tal-Istati Membri differenti u danw tal-aħħar għandhom ikunu kapaċi jissalvagwardaw il-bilanċ li kisbu fis-sistemi legali rispettivi tagħhom f'termini ta' leġiżlazzjoni u ġurisprudenza.

Emenda 169
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Stavros Lambrinidis, Michael Cashman, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma ***xierqa*** u neċessarji. ***B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.***	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ***oġġettivament*** ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma ***proporzjonali*** u neċessarji.

Or. en

Emenda 170
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. ***B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew***	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji.

servizzi.

Or. en

Emenda 171
Sophia in 't Veld

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji***, u ma joħolqux żvantaġġi żejda għal gruppi oħra***. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.

Or. en

Emenda 172
Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B'mod	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ***oġġettivament u raġonevolment*** ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-

partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	għan huma xierqa u neċessarji. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira li ġġib ċertezza legali ulterjuri dwar id-differenzi fi trattament għar-raġuni ta' età awtorizzati mill-Istati Membri. Fil-fatt, it-test għal ġustifikazzjoni jsir aktar strett permezz ta' din l-emenda peress li hija teħtieġ ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli. Din il-formulazzjoni hija konsistenti wkoll mal-Artikolu 6 tad-Direttiva Qafas tal-Impjieg dwar differenzi fi trattament għar-raġuni ta' età.

Emenda 173
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, ***għal servizzi tas-saħħa,*** għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 2(8) jistipula li 'din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika,

għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn'. Ikun xieraq li ninkludu referenza espliċita għas-servizzi tas-saħħa fl-Artikolu 2(6) ukoll.

Emenda 174
Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi ***proporzjonati*** fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika ***u d-differenza fi trattament hija oġġettivament u raġonevolment ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi tal-kisba ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u jiżguraw li dejta preċiża relevanti għall-użu ta' età u diżabbiltà bħala fattur determinanti hija miġbura, ppubblikata u aġġornata regolarment. Dawn l-Istati Membri għandhom jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva, skont ir-rapport tal-Kummissjoni [dwar it-traspożizzjoni tad-direttiva] u għandhom jibgħatu r-riżultati ta' din ir-reviżjoni lill-Kummissjoni.***

Or. en

Emenda 175
Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju ***bbażat fuq*** dejta ***preċiża*** attwarjali jew ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju ***u fejn il-provveditur tas-servizz jista' juri riskju ogħla permezz ta'*** dejta attwarjali jew ta' statistika ***jew evidenza oħra bona fide li huwa raġonevoli li wieħed jiddependi fuqha. Kwalunkwe dejta użata għandha tkun affidabbli, regolarment aġġornata u disponibbli għall-pubbliku***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tuża l-kliem tad-dispożizzjoni ekwivalenti fid-Direttiva 2004/113/KE dwar Merkanzija u Servizzi, iżda tqiegħed ir-rekwiżit li tkun murija l-informazzjoni li kien hemm dipendenza fuqha sabiex ikun ġustifikat trattament differenzjali fuq provvedituri tas-servizz pjuttost milli Stati Membri. L-emenda proposta hija ftit aktar wiesgħa mid-dispożizzjonijiet ekwivalenti fid-Direttiva ta' Merkanzija u Servizzi billi tippermetti lil provvedituri tas-servizz biex jiddependu fuq evidenza oħra bona fide meta jkun raġonevoli li jagħmlu dan.

Emenda 176
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji ***l-Istati Membri jistgħu jippermettu*** differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ***determinanti*** fl-

ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta ***preċiża*** attwarjali ***jew*** ta' statistika.

evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq ***prinċipji*** attwarjali***, dejta preċiża*** ta' statistika ***jew għarfien mediku m'għandux ikun kkunsidrat bħal diskriminazzjoni għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Differenzjazzjoni skont l-esponiment għar-riskju ta' konsumaturi hija kondizzjoni vitali fil-provvista ta' assigurazzjoni privata u ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni. Meta jevalwaw ir-riskju l-assiguraturi għandhom jużaw medda wiesgħa ta' informazzjoni, inkluż għarfien mediku. Għandhom ikunu kkunsidrati prinċipji attwarjali sabiex jilħqu r-rekwiżiti tal-liġi superviżorja. Ir-restrizzjoni tas-sorsi ta' informazzjoni tipprevjeni evalwazzjoni tar-riskju korretta u twassal għal primjums ogħla. Għażla tal-Istat Membru tikser il-prinċipju ta' trattament fl-UE u hija ostaklu għas-suq intern.

Emenda 177
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri ***jistgħu*** jippermettu differenzi ***proporzjonati*** fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ***ewlieni*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri ***għandhom*** jippermettu differenzi fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat***, b'mod partikolari,*** fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika***, esperjenza medika jew prinċipji attwarjali***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

In their risk assessments insurers must be able to make use of a range of sources of information, including statistics or medical experience. In addition, actuarial principles must also be taken into account in order to meet the requirements of supervisory law. Restricting these sources of information would hamper the proper assessment of risk and push up insurance primjums. A Member State option would breach the principle of EU-wide equal

treatment and make the development of an internal market in financial services more difficult, at the consumer's expense.

Emenda 178
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji ***l-Istati Membri jistgħu jippermettu*** differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ***ewlieni*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża ***attwarjali jew*** ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ***determinanti*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq ***prinċipji attwarjali*** *relevanti*, dejta preċiża ta' statistika ***jew għarfien mediku m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala diskriminazzjoni għall-iskop ta' din id-direttiva.***

Or. en

Emenda 179
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika.	(7) Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika***; din id-dejta ma tistax tieħu post evalwazzjoni bbażata fuq iċ-ċirkostanzi individwali tal-persuna li titlob is-servizzi finanzjarja***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe miżuri ġeneralizzati dwar il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu esklużi, anke f'każ li dawn ikunu appoġġjati minn dejta ta' statistika.

Emenda 180
Inger Segelström

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament ***biss*** fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika. ***Dawn il-fatturi għandhom, madankollu, ikunu speċifikati b'mod ċar u kull żidiet fit-tariffi jew primjums għandhom ikunu raġonevoli.***

Or. sv

Ġustifikazzjoni

Wisq kumpaniji jirreferu għal żidiet fl-ispejjeż biex jiġġustifikaw żidiet fil-primjums, prezzijiet u tariffi. Iż-żidiet fil-primjums, prezzijiet u tariffi għandhom, madankollu, jkunu fl-istess livell mat-tariffa addizzjonali attwali u m'għandhomx ikunu mod ta' kif il-kumpaniji jaqilgħu l-flus b'mod faċli.

Emenda 181
Marian Harkin

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw fil-każ ta' servizzi finanzjarji obbligatorji, meta l-prodott inkwistjoni huwa meħtieġ mil-liġi, li persuna ma tistax tkun miċħuda aċċess għal dan is-servizz fuq bażi tal-età jew diżabbiltà tagħhom minbarra fejn jista' jkun ġustifikat minn għan leġittimu jew jekk il-provvediment ta' dan is-servizz ikun kontra l-interess pubbliku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment is in line with the Irish Insurance Federation Declined Cases Agreement which is adhered to by all motor insurers in Ireland. In order to drive a car- by law a person is required to have motor insurance. If an elderly person or a person with a disability has legally acquired a driving licence (e.g. passed their sight test, theory test etc) under the Declined Cases Agreement the motor insurance market can not refuse to provide insurance to such an individual seeking insurance if the person has approached at least three insurers and has not been able to obtain cover from them. The only grounds on which an insurer can refuse to cover are where to provide insurance would be contrary to public interest. The agreement is administered by a Committee made up of representatives of each of the companies who have signed the agreement. The Committee also includes a representative of the Consumers Association of Ireland and the Financial Services Ombudsman's Bureau as external observers. The Committee can also decide whether a quote is so high or the terms so excessive as to make the quote tantamount to a refusal, in which case it will review the matter.

Emenda 182
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 183
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.	Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji ***u proporzjonati*** għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn. ***Huwa bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromovi ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa evidentement importanti li jkun mistoqsi jekk hemmx bżonn leġittimu għal din l-eċċezzjoni wiesgħa. Dan għandu jkun magħmul billi jkun imfakkar li din il-klawżola hija bbażata fuq lingwa tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), u li

jista' jkollha importanza għal raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni. Iżda jekk din il-klawżola tkun miżmuma, nitlobu l-introduzzjoni ta' test ta' proporzjonalità. Dan jiżgura li l-istati jkollhom juru li l-miżuri ma jmorrux lil hinn min dak li hu neċessarju biex jiksbu dan l-għan. Aħna naħsbu li l-klawżola ta' bla ħsara dwar leġiżlazzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija trattata aħjar f'dan l-Artikolu milli fl-Artikolu 3.4.

Emenda 184
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.	(8) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, ***huma suġġetti għal dawk il-limitazzjonijiet biss li*** huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa ***jew tal-morali*** u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.

Or. en

Emenda 185
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi ***kriminali***, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.	8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika ***u morali*** u l-prevenzjoni ta' offiżi, għall-protezzjoni tas-saħħa***, l-protezzjoni tal-minuri*** u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-lista għandha tinkludi miżuri li jirrigwardaw morali pubbliċi u l-protezzjoni tal-minuri.

Emenda 186
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Diskriminazzjoni multipla ssir, meta skont l-ambitu ta' din id-Direttiva, persuna hija diskriminata fuq taħlita ta' żewġ raġunijiet jew aktar minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.
	Diskriminazzjoni multipla ssir, meta skont l-ambitu ta' din id-Direttiva, persuna hija diskriminata fuq taħlita ta' raġuni jew aktar minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, u, bl-istess mod li din id-diskriminazzjoni hija wkoll fl-ambitu tagħhom, fuq raġuni waħda jew aktar minn waħda inklużi f'Direttiva waħda jew akar minn waħda minn dawn li ġejjin:
	a. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità,
	b. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,
	c. Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi,
	d. Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju

2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid).
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' infurzar ta' obbligi skont din id-Direttiva huma disponibbli għall-persuni kollha li jikkunsidraw lilhom infushom vittmi ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli.
L-Istati membri għandhom jipprovdu li meta jkunu stabbiliti raġunijiet multipli, tista' tkun imwaqqa' klejm permezz ta' ġustifikazzjoni jew difiża oħra li hi applikabbli għal dawk ir-raġunijiet kollha li fuqha hija magħmula l-klejm.
Madankollu jekk raġuni waħda biss hija stabbilita l-klejm tista' tkun imwaqqa' permezz ta' kull ġustifikazzjoni jew difiża relevanti għal dik ir-raġuni.

Or. en

Emenda 187
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-limiti tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tapplika ***għall-persuni kollha, fir-rigward tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż korpi pubbliċi,*** fir-rigward ta':	1. Fil-limiti tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni ***u skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità***, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tapplika fir-rigward ta':

Or. es

Emenda 188
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-limiti tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tapplika għall-persuni kollha, fir-rigward tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż korpi pubbliċi, fir-rigward ta':	1. Fil-limiti tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni, ***u fl-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza,*** il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tapplika għall-persuni kollha, fir-rigward tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż korpi pubbliċi, ***inkluż*** fir-rigward ta':

Or. en

Emenda 189
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-limiti tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tapplika għall-persuni kollha, fir-rigward tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż korpi pubbliċi, fir-rigward ta':	1. Fil-limiti tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tapplika għall-persuni kollha, fir-rigward tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż korpi pubbliċi, ***sakemm ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali,*** fir-rigward ta':

Or. de

Ġustifikazzjoni

M'huwiex raġonevoli li restrizzjoni tal-ambitu ta' persuni li jwettqu attività professjonali jew kummerċjali tapplika biss għal aċċess ta' provvisti u servizzi li mhumiex disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.

Emenda 190
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Edukazzjoni;	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-Artikoli 149 u 150 tat-Trattat KE jagħmluha ċara li r-responsabiltà għall-edukazzjoni u t-taħriġ hija f'idejn l-Istati Membri. L-UE hija limitata għal miżuri ta' koordinazzjoni, appoġġ u kumplimentarji. L-estensjoni bl-ingossa tal-ambitu tad-direttiva tal-edukazzjoni proposta fl-Artikolu 3(1)(c) għalhekk mhix kompatibbli mal-liġi primarja u għandha tkun imneħħija.

Emenda 191
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni. ***- kull kamp ieħor ta' kompetenza tal-UE u Komunitarja, inkluż implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' liġijiet u politiki tal-UE***
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	

Or. en

Emenda 192
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni. ***Din id-direttiva m'għandhiex tapplika għal transazzjonijiet imwettqa minn individwi li għalihom dawn it-transazzjonijiet ma jikkostitwixxux atttività professjonali jew kummerċjali. F'dan il-kuntest, il-kunċett ta' attività professjoni jew kummerċjali jista' jkun definit skont il-liġijiet u prattiki nazzjonali tal-Istati Membri.***
Subparagrafu (d) ***għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.***	Subparagrafu (d) ***ma jikkonċernax bini privat u kummerċjali eżistenti.***

Or. en

Emenda 193
Ewa Klamt

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku***, inkluż akkomodazzjoni***.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku ***irrispettivament mill-persuna***.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Der Schutz vor Diskriminierungen im Bereich des Zivilrechts darf nicht zu einer unverhältnismäßigen Einschränkung der Privatautonomie führen. Dies wäre der Fall, wenn auch solche Verträge von der Richtlinie erfasst würden, die auf Grund individueller Vertragsverhandlungen geschlossen werden und bei denen das Ansehen der Person von besonderer Bedeutung ist. Andernfalls müsste die Anbieterseite auch bei derartigen Rechtsgeschäften ihre dem Vertragsschluss zu Grunde liegenden Überlegungen im Einzelnen dokumentieren und ggf. gerichtlich überprüfen lassen. Dies wäre ein unzumutbarer Eingriff in die verfassungsrechtlich gewährleistete Vertragsfreiheit. Hieran vermag auch der Umstand nichts zu ändern, dass Artikel 3 Abs. 1 Buchstabe d nur Unternehmen verpflichten soll. Die Vertragsfreiheit gehört zu den grundlegenden Prinzipien unserer Rechtsordnung, in deren Genuss selbstverständlich auch kommt, wer zu beruflichen oder gewerblichen Zwecken handelt. Es wird daher vorgeschlagen, das zivilrechtliche Benachteiligungsverbot auf sog. „Massengeschäfte" zu beschränken, die typischerweise ohne Ansehung der Person geschlossen werden.

Emenda 194
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li huwa importanti li l-Artikolu 3 (1)(a) sa (d) ikun protett, aħna nitolbu t-tħassir tal-kwalifikant tas-subparagrafu (d). L-ewwel nett, din is-sentenza tintroduċi eżenzjoni li mhix inkluża fid-Direttiva Razzjali. Hi toħloq ukoll limitazzjoni doppja għall-ambitu tad-direttiva peress li s-subparagrafu (d) diġà jillimita l-applikazzjoni tad-direttiva ta' prodotti u servizzi oħra li huma "disponibbli għall-pubbliku". Barra minn hekk, hemm tħassib dwar referenza għal "attività professjonali jew kummerċjali" li toħloq inċertezza u ambigwità.

Emenda 195
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Michael Cashman, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	

Or. en

Emenda 196
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	

Or. de

Ġustifikazzjoni

Huwa impossibbli li nifhmu għala r-restrizzjoni tal-ambitu għal persuni li jwettqu attività professjonali jew kummerċjali għandha tapplika biss għal aċċess għal prodotti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.

Emenda 197
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal ***individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.***	Subparagrafu (d) ***m'għandux*** japplika għal ***postijiet privati jew kummerċjali eżistenti.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex positijiet eżistenti jkunu eżenti.

Emenda 198
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal ***individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew*** kummerċjali***.***	Subparagrafu (d) ***m'għandux*** japplika għal ***postijiet privati u*** kummerċjali ***eżistenti.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMUs), sabiex ikun żgurat li l-eżistenza kontinwa tagħhom ma tkunx ippreġudikata.

Emenda 199
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	Subparagrafu (d) ***ma jikkonċernax bini privat u kummerċjali eżistenti.***

Or. en

Emenda 200
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali ***jew kummerċjali***.	Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kull restrizzjoni ta' attività kummerċjali tirrappreżenta interferenza mhux aċċettabbli mal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali. B'mod partikolari, relazzjonijiet bejn sidien u kerrejja għandhom ikunu esklużi mill-ambitu tad-direttiva, peress li jaffettwaw il-privatezza, pereżempju fid-dar ta' individwu. Ara wkoll l-emenda tal-istess awturi għall-Premessa 16.

Emenda 201
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali.	Subparagrafu (d) ***ma jkoprix tranżazzjonijiet bejn individwi privati li jagixxu f'kapaċità privata.***

Or. en

Emenda 202
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.
Subparagrafu (d) għandu japplika għal ***individwi*** biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali.	Subparagrafu (d) għandu japplika għal ***persuni naturali*** biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Rigorożità leġiżlattiva

Emenda 203
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Parteċipazzjoni f'attività soċjali.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Dawk identifikati skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 għandhom igawdu parteċipazzjoni totali fil-ħajja soċjali.

Emenda 204
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx preċedent għall-introduzzjoni ta' din it-tip ta' eċċezzjoni fil-paragrafu operattiv ta' direttiva tal-Artikolu 13. Dan l-Artikolu joħloq inkonsistenzi mad-Direttiva 2000/78 li inkludiet eċċezzjoni simili biss fil-premessa tagħha (premessa 22). Barra minn hekk, din l-eċċezzjoni wiesgħa mhix konsistenti ma' ġurisprudenza mill-ECJ (Maruko - C-267/06) u l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (E.B. v. Franza; Karner v. L-Awstrija).

Emenda 205
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Michael Cashman, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 206
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 207
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.***	2. ***Bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri għal suġġetti li jirrigwardaw l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi, din id-Direttiva għandha tapplika għal sħubiji de facto u unjonijiet ċivili, meta dawn huma rikonoxxuti mil-***

liġijiet tal-Istati Membri, u għall-benefiċċji soċjali li jirriżultaw minnhom.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Referenza għal dan għandha tkun inkluża biex ikun hemm konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Emenda 208
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal ***liġijiet*** nazzjonali dwar l-istat ***ċivili jew*** familjari u drittijiet riproduttivi.	2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal ***leġiżlazzjoni*** nazzjonali dwar ***iż-żwieġ,*** l-istat familjari ***u l-benefiċċji li jiddependu fuqhom*** u drittijiet riproduttivi.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-istipular li d-direttiva hija bla ħsara għal liġijiet nazzjonali dwar iż-żwieġ jew l-istat familjari huwa fil-prinċipju awtoevidenti u dikjaratorju, peress li d-direttiva ma tistabbilixxix dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-istat ċivili. Għal dik ir-raġuni, għandu jkun iċċarat li liġijiet nazzjonali li jipprovdu benefiċċji marbuta mal-istat ċivili jew familjari mhumiex affettwati mid-direttiva. Il-Premessa 22 tad-Direttiva 2000/78/KE tinkludi formulazzjoni xierqa, li għandha tkun ikkunsidrata hawnhekk.

Emenda 209
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva ***hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar*** l-istat ċivili ***jew familjari*** u drittijiet riproduttivi.	2. Din id-Direttiva ***ma tapplikax għal suġġetti koperti bil-liġi tal-familja, inkluż*** l-istat ċivili***,*** u ***liġijiet dwar*** drittijiet riproduttivi.

Or. en

Emenda 210
Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva ***hija mingħajr preġudizzju*** għal ***liġijiet*** nazzjonali ***dwar l-istat*** ċivili jew familjari ***u drittijiet riproduttivi***.	2. Din id-Direttiva ***m'għandhiex tapplika*** għal ***liġi*** nazzjonali ċivili jew familjari ***u l-benefiċċji li jiddependu fuqhom***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda tal-Premessa 17.

Emenda 211
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-	2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-

istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	istat ċivili jew familjari u ***l-importanza tagħhom u*** drittijiet riproduttivi ***u ta' adozzjoni***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Iż-żwieġ fil-forma tradizzjonali tiegħu, il-familja u r-rwol relatat tat-trobbija tat-tfal jixirqilhom protezzjoni speċjali. Sabiex ikun hemm salvagwardja tal-benessri tat-tfal kemm jista' jkun effettivament u l-iskrutinju tal-kura provduta mill-ġenituri. Aġenziji ta' adozzjoni għandhom ikunu jistgħu jużaw diversi sorsi ta' informazzjoni, bħal bijografiji, ċertifikati ta' kondotta tajba u ċertifikati tas-saħħa. Differenzi fit-trattament għal raġunijiet sostanzjati kif xieraq, raġunijiet oġġettivi mhumiex fihom infushom diskriminatorji, iżda ħafna drabi minflok, jrriflettu l-importanza li jsir dak li huwa l-aħjar jew l-aqwa.

Emenda 212
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi***, li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri***.

Or. it

Emenda 213
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-paragrafu preċedenti huwa bla preġudizzju għall-politiki tal-Istati Membri rigward aċċess u l-provvista ta' servizzi fir-rigward ta' r-riproduzzjoni, l-kontraċezzjoni u l-abort.

Or. it

Emenda 214
Marie Panayotopoulos-Cassiotou

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Filwaqt li tkun projbita d-diskriminazzjoni, huwa importanti li jkunu rispettati drittijiet u libertajiet fundamentali oħra, inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari u tranżazzjonijiet imwettqa f'dak il-kuntest, il-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjoni, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni.

Or. en

Emenda 215
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Din id-direttiva hija bla preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri rigward l-introduzzjoni jew il-kontinwazzjoni ta' politika għall-promozzjoni tal-istituzzjoni tal-familja kif magħrufa tradizzjonalment.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija mressqa fid-dawl tad-deċiżjoni tal-ECHR tal-20 ta' April 2008 fil-Kawża Burden vs UK.

Emenda 216
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Din id-Direttiva tapplika wkoll fir-rigward ta' liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili u familjari u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi.

Or. en

Emenda 217
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 218
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva ***hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri*** għall-kontenut ta' tagħlim***,*** attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi ***tagħhom***, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. ***L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal*** aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva ***ma tapplikax*** għall-kontenut ta' tagħlim ***jew*** attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi ***nazzjonali***, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. ***Din id-Direttiva hija bla ħsara għal kundizzjonijiet ibbażati fuq reliġjon jew twemmin fir-rigward ta'*** aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi***, li l-etos tagħhom huwa*** *bbażat* fuq reliġjon jew twemmin***, skont il-liġijiet, tradizzjonijiet u prattiki nazzjonali. Huwa wkoll bla ħsara għal miżuri nazzjonali li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-ilbies ta' simboli reliġjużi.***

Or. en

Emenda 219
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, ***inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali***. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, ***l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw liema forma ta' edukazzjoni jew taħriġ hija approprjata, l-opinjonijiet tal-persuna b'diżabbiltà jkunu rispettati. Meta l-persuna huwa tifel/tifla jew adult li mhux kapaċi jirrappreżenta lilu nnifsu, l-opinjonijiet tal-ġenituri, gwardjani jew avukati tagħhom għandhom ikunu***

kkunsidrati bħala fattur sinifikanti. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi ***neċessarji u proporzjonati*** fi trattament ***bbażati fuq ir-reliġjon jew twemmin ta' persuna*** għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi ***li l-etos tagħhom huwa*** *bbażat* fuq reliġjon jew twemmin ***meta dan ikun neċessarju biex jipproteġi l-etos reliġjuż tal-istituzzjoni edukattiva u ma jwassalx għal ksur tad-dritt għal edukazzjoni – jew diskriminazzjoni għal xi raġuni oħra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Esklużjoni espliċita tal-edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali mill-ambitu tad-Direttiva tirriżulta fiċ-ċaħda de facto ta' aċċess għall-edukazzjoni ta' ħafna nies b'diżabbiltà. Huwa importanti li d-dritt għal edukazzjoni jkollu preċedenza fuq id-dritt tal-iskola li tagħżel l-istudenti tagħha. Meta ma jkunx hemm alternattiva lokali, skola reliġjuża għandha tkun obbligata li tieħu l-istudenti lokali kollha, mingħajr kunsiderazzjoni tar-reliġjon tagħhom. Din l-emenda timmira wkoll li tiżgura li alternattivi approprjati ta' edukazzjoni jkunu provduti lil nies b'diżabbiltà.

Emenda 220
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin. ***Meta jkunu stabbiliti istituzzjonijiet edukattivi separati:*** ***(a) l-għan tagħhom m'għandux ikun li***

jiżguraw l-esklużjoni ta' kull grupp iżda li jipprovdu faċilitajiet edukattivi minbarra dawk provduti mill-awtoritajiet pubbliċi jekk l-istituzzjonijiet isiru skont dak l-għan u jekk l-edukazzjoni provduta tkun konformi ma' dawk l-istandards li jistgħu jkunu stabbiliti jew approvati mill-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari għal edukazzjoni tal-istess livell;

(b) jekk parteċipazzjoni f'dawn is-sistemi jew attendenza f'dawn l-istituzzjonijiet mhix obbligatorja u jekk l-edukazzjoni provduta hija konformi ma' dawk l-istandards li jistgħu jkunu stabbiliti jew approvati mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari għal edukazzjoni tal-istess livell; u

(c) jekk dawn is-sistemi jew istituzzjonijiet joffru aċċess ekwivalenti għall-edukazzjoni, jipprovdu persunal ta' għalliema bi kwalifikazzjonijiet tal-istess standard u jagħtu l-opportunità li jieħdu l-istess ta' korsijiet eta' studju ekwivalenti.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-kliem ta' din l-emenda huwa l-istess bħal dawk tal-Konvenzjoni UNESCO kontra Diskriminazzjoni fl-Edukazzjoni (1960).

Emenda 221
Stavros Lambrinidis, Evangelia Tzampazi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, ***inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta'***	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, ***filwaqt li tiżgura d-drittijiet ta'***

bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	***persuni b'diżabbiltà għal edukazzjoni mingħajr diskriminazzjoni u fuq il-bażi ta' opportunitajiet indaqs***. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda timmira li tiżgura d-dritt għal edukazzjoni inklussiva għal persuni b'diżabbiltà.

Emenda 222
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, ***inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali***. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, ***filwaqt li twettaq id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għal edukazzjoni mingħajr diskriminazzjoni u fuq il-bażi ta' opportunitajiet indaqs***. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.

Or. en

Emenda 223
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva ***hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri*** għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi ***tagħhom***, ***inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali.*** L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon ***jew twemmin***.	3. Din id-Direttiva ***m'għandhiex tapplika*** għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi ***nazzjonali.*** L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon.

Or. de

Emenda 224
Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva ***hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri*** għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi ***tagħhom***, ***inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali.*** L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva ***m'għandhiex tapplika*** għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi ***nazzjonali.*** L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kliem 'm'għandhiex tapplika' jagħmluha assolutament ċara li ż-żoni inkwistjoni huma eskluži mill-ambitu tad-direttiva. Kompetenza leġiżlattiva f'dan il-qasam tibqa' f'idejn l-Istati

Membri, u d-direttiva ma taffettwax b'ebda mod l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza. Dan il-kliem jgħin il-kjarifika lingwistika, u għalhekk legali.

Emenda 225
Inger Segelström

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. ***L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.***	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali.

Or. sv

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva ma tiċċarax x'tip ta' differenzi fit-trattament ta' aċċess huma involuti jew liema individwi jistgħu jkunu trattati b'mod differenti. Is-sentenza għandha għalhekk titħassar.

Emenda 226
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Armando França, Stavros Lambrinidis, Michael Cashman, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu ***jipprovdu għal*** differenzi fi trattament għal	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. ***Minkejja d-dritt għal edukazzjoni,*** *l*-Istati Membri jistgħu

aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	***jippermettu*** differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin ***meta jeħtieġu li l-individwi, fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni oġġettiva biss, biex jaġixxu in bona fide u b'fedeltà għall-etos tal-organizzazzjoni u m'għandhomx jiġġustifikaw diskriminazzjoni għal kull raġuni oħra***.
	Or. en

Emenda 227
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin ***u fir-reklutaġġ tal-persunal ta' għalliema ta' dawn l-istituzzjonijiet, kemm skejjel kif ukoll universitajiet***.
	Or. it

Emenda 228
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Din id-Direttiva tapplika wkoll għall-kontenut tat-tagħlim, attivitajiet u l-

organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluża l-provvista ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali, kif ukoll fir-rigward ta' differenzi fit-trattament f'aċċess għal istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.

Or. en

Emenda 229
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni***, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin.*** Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.	4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. ***L-istat u l-attivitajiet tal-knejjes jew organizzazzjonjiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin huma koperti mid-direttiva.***

Or. en

Emenda 230
Claude Moraes, Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta'	4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta'

knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.	knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin ***meta din taqa' barra mill-kompetenza tal-UE. Meta l-attivitajiet tal-knejjes jew organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin jaqgħu fil-kompetenza tal-UE, dawn għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-UE kontra d-diskriminazzjoni***. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta knisja jew organizzazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin twettaq attivitajiet li jaqgħu fit-TKE- pereżempju, meta qed jipprovdu servizzi kummerċjali (servizzi għal remunerazzjoni) bħal fl-Artikolu 50 – dawn l-attivitajiet għandhom ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni.

Emenda 231
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn ***l-irġiel u n-nisa.***	4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn ***il-persuni ta' sess maskili u dawk ta' sess femminili.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidla hawnhekk tirrifletti li t-termini "irġiel" u "nisa" jassumu ċerta età, filwaqt li t-termini li jibdluhom "persuni ta' sess maskili" u "dawk ta' sess femminili" ma jinkludux din l-assunzjoni tal-età.

Emenda 232
Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Din id-Direttiva ***hija bla ħsara*** għal għal-***leġiżlazzjoni*** nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.	4. Din id-Direttiva ***m'għandhiex tapplika*** għal-***liġi*** nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kliem 'm'għandhiex tapplika' jagħmluha assolutament ċara li ż-żoni inkwistjoni huma esklużi mill-ambitu tad-direttiva. Kompetenza leġiżlattiva f'dan il-qasam tibqa' f'idejn l-Istati Membri, u d-direttiva ma taffettwax b'ebda mod l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza. Dan il-kliem jgħin il-kjarifika lingwistika, u għalhekk legali.

Emenda 233
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li	4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li

tikkonċerna l-istatus ***u*** l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.	tikkonċerna l-istatus***,*** l-attivitajiet ***u l-qafas legali*** ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-qafas legali ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin ivarja.

Emenda 234
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.	4. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes***, komunitajiet reliġjużi*** u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Or. it

Emenda 235
Csaba Sógor

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4) Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li ***tippromwovi*** l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.	4) Din id-Direttiva hija bla ħsara għal għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew edukazzjoni, jew li tikkonċerna l-istatus u l-attivitajiet ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq reliġjon jew twemmin. Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li ***tiżgura*** l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Or. hu

Emenda 236
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Din id-Direttiva ***ma tkoprix*** differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u ***hija bla ħsara għal*** dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati.	5. Din id-Direttiva ***tkopri wkoll l-applikazzjoni ta' liġijiet tal-ażil u l-immigrazzjoni mill-UE u l-Istati Membri, bħal*** differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati.

Or. en

Emenda 237
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Din id-Direttiva ma tkoprix differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri***, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati***.	5. Din id-Direttiva ma tkoprix differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tillimita d-diskriminazzjoni esperjenzata minn ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni bla stat meta jkollhom aċċess għal prodotti u servizzi kif ukoll provvista tas-saħħa u edukazzjoni.

Emenda 238
Inger Segelström

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Din id-Direttiva hija bla ħsara għad-dritt tal-pubbliċisti li jirrifjutaw riklami minn individwi, gruppi u organizzazzjonijiet li m'għandhomx l-istess valuri demokratiċi, u minn individwi, gruppi jew organizzazzjonijiet li m'għandhomx l-istess orjentazzjoni politika li l-gazzetta hija bbażata fuqha.

Or. sv

Ġustifikazzjoni

Il-pubbliċisti għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw riklami minn individwi, gruppi u organizzazzjonijiet li m'għandhomx l-istess valuri li l-gazzetta hija bbażata fuqhom. Id-Direttiva m'għandhiex, għalhekk, tapplika f'dan il-qasam.

Emenda 239
Patrick Gaubert, Thomas Mann, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Is-settur tar-riklamar u tal-midja għandu jkun esklużż mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tipprevjeni ksur mhux ġustifikat tal-libertà tal-istampa u tal-midja. Is-sitwazzjoni legali rigward ir-rifjut ta' riklami tal-midja, li hija kemm bilanżjata kif ukoll konsistenti mal-prattika attwali, għalhekk tibqa l-istess u l-konsistenza mad-direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u provvista ta' prodotti u servizzi (2004/113/KE), li daħlet fis-seħħ fl-2004, hija miżmuma.

Emenda 240
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Is-settur tar-riklamar u tal-midja għandu jkun esklużż mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

Or. de

Justifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tipprevjeni ksur mhux ġustifikat ta' libertà tal-istampa u tal-midja. Is-sitwazzjoni legali rigward ir-rifjut ta' riklami tal-midja, li hija kemm bilanċjata kif ukoll konsistenti mal-prattika attwali, għalhekk tibqa l-istess u l-konsistenza mad-direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u provvista ta' prodotti u servizzi (2004/113/KE), li daħlet fis-seħħ fl-2004, hija miżmuma.

Emenda 241
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Aċċess għal postijiet pubbliċi għal persuni jew gruppi ta' persuni li jaqgħu f'kategorija identifikata skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 ma jistax ikun prevenut.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Persuni identifikati skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 għandhom igawdu parteċipazzjoni totali fil-ħajja soċjali.

Emenda 242
Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
*Trattament ugwali **ta' persuni b'diżabilitajiet***	*Trattament ugwali **għal raġunijiet ta' diżabbiltà***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-oqsma proposti kollha huma importanti għal-persuni b'diżabilità daqs 'akkomodazzjoni u trasport', oriġinarjament proposti mill-Kummissjoni, u għandhom ikunu inklużi espressament. L-eċċezzjoni ta' 'tibdil fundamentali' għandha tapplika għal prodotti u servizzi speċifiċi, mhux għall-ambitu kollu tad-Direttiva – l-emenda proposta tagħmel dan ċar u espliċitu.

Emenda 243
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Trattament ugwali ***ta' persuni b'diżabilitajiet***	Trattament ugwali ***u d-diżabilità***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Trattament ugwali hemm bżonn li jirreferi kemm għal persuni b'diżabilità kif ukoll dawk li jieħdu ħsiebhom.

Emenda 244
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet:	1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet ***u dawk marbuta magħhom jew li jieħdu ħsiebhom***:

Or. it

Ġustifikazzjoni

Trattament ugwali hemm bżonn li jirreferi kemm għal persuni b'diżabilità kif ukoll dawk li jieħdu ħsiebhom.

Emenda 245
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni ***u trasport***, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. ***Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.***	a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri b'antiċipazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu ma jistgħux jimponu piż mhux dovut jew mhux proporzjonat. Prattiki, politiki, proċeduri u miżuri li huma 'inklussivi' mill-bidu ma jwasslux għal spejjeż addizzjonali. Ir-restrizzjoni sakemm ma timponix 'piż sproporzjonat' fuq l-obbligu li tkun provduta akkomodazzjoni raġonevoli f'każijiet individwali (200/78/KE) mhix adattata biex tkun użata fit-termini ta' miżuri ġenerali inklussivi b'antiċipazzjoni.

Emenda 246
Michael Cashman, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni u ***trasport***, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali ***tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.***	a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni, ***telekomunikazzjoni, u informazzjoni inkluża informazzjoni f'formati aċċessibbli, servizzi finanzjarji, kultura u divertiment, bini miftuħa għall-pubbliku, mezzi ta' trasport u spazji u faċilitajiet pubbliċi oħra***, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali ***għan-natura tal-prodotti jew servizzi inkwistjoni jew in-natura tal-kummerċ, professjoni jew kummerċ inkwistjoni. Tibdil huwa fundamentali jekk jibdel il-prodotti jew servizzi jew in-natura tan-negozju, professjoni jew kummerċ, sal-punt li l-provveditur tal-prodotti jew servizzi qed jipprovdi effettivament tip kompletament differenti ta' prodotti u servizzi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-oqsma proposti kollha huma importanti għal-persuni b'diżabilità daqs 'akkomodazzjoni u trasport', oriġinarjament proposti mill-Kummissjoni, u għandhom ikunu inklużi espressament. L-eċċezzjoni ta' 'tibdil fundamentali' għandha tapplika għal prodotti u servizzi speċifiċi, mhux għall-ambitu kollu tad-Direttiva – l-emenda proposta tagħmel dan ċar u espliċitu.

Emenda 247
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra, li għandhom interess leġittimu fl-assigurazzjoni li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma mwettqa, ***jistgħu*** jieħdu sehem, ***kemm f'isem jew b'appoġġ ta' min qed jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha,*** fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva stabbilita fl-infurzar ta' obbligazzjonijiet skont din id-Direttiva.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra, li għandhom interess leġittimu fl-assigurazzjoni li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma mwettqa, ***għandhom il-poter li*** jieħdu sehem, ***f'isimhom,*** fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva stabbilita fl-infurzar ta' obbligazzjonijiet skont din id-Direttiva***, inkluż f'isem, jew f'appoġġ ma', kull vittma***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 7 (2) preżentament ma jiżgurax pożizzjoni legali sħiħa lil organizzjazzjonijiet billi jirrestringi r-rwol tagħhom li jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ma' litiganti individwali. L-awtorizzazzjoni tal-NGOs li jieħdu każijiet – f'isem individei mingħajr l-obbligu li l-individwu jkun imsemmi – hija għalhekk essenzjali sabiex tiżgura aċċess effettiv għall-ġustizzja. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni li l-NGOs jkollhom pożizzjoni legali awtonoma tippermetti wkoll il-possibbiltà li jkun sfidati prattiki diskriminatorji mingħajr litiganti individwali.

Emenda 282
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – it-tieni subparagrafu a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan il-paragrafu huwa bla ħsara għar-regoli ġudizzjarji jew amministrativi ta' proċedura li jikkonċernaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

Or. fr

Emenda 283
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Proċeduri mibdija skont dan l-Artikolu għandhom ikunu eżenti minn taxxa tal-boll jew taxxi ekwivalenti oħra.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija kumpliment loġiku għat-test propost.

Emenda 284
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu bla ħsara għal regoli nazzjonali li jirrigwardaw limiti ta' żmien sabiex ikunu ppreżentati azzjonijiet fir-rigward tal-prinċipju ta' trattament ugwali.***	3. ***Il-limitu ta' żmien għat-tressiq ta' azzjonijiet għandu jkun … ġranet fit-territorju tal-UE.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Skont l-għan ta' mobilità fl-Unjoni, huwa neċessarju li tkun żgurata l-portabiltà ta' drittijiet permezz tal-introduzzjoni ta' limitu ta' żmien standard għat-tressiq ta' azzjonijiet kullimkien fl-UE.

Emenda 285
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-kuntest tas-sistemi legali nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li t-telf jew dannu, inkluż dannu immaterjali, li ssofri persuna bħala riżultat ta' diskriminazzjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva jkun ikkompensat attwalment u effettivament jew ikun magħmul tajjeb. Il-miżuri relevanti għandhom ikunu dissważivi u konsistenti

man-natura tad-dannu sofrut.

Or. de

Emenda 286
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom, skont is-sistemi ġudizzjarji tagħhom, jiżguraw li l-persuni kollha li jikkunsidraw li kienu trattati ħażin min-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali jistgħu jfittxu rimedju ġuridiku fil-limitu taż-żmien stabbilit mil-liġijiet nazzjonali.

Or. fr

Emenda 287
Henri Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, skont is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, li l-persuni kollha li jikkunsidraw lilhom infushom trattati ħażin min-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali lilhom jistgħu jieħdu azzjoni legali biex jaffermaw d-drittijiet tagħhom.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova toħloq livell għoli ħafna ta' inċertezza legali. Mhux ċar assolutament kemm trid tkun konvinċenti l-evidenza biex twassal għall-inverżjoni tal-oneru tal-prova. Mhux l-anqas ċar liema argumenti r-rispondenti għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw għad-difiża tagħhom, peress li jkollhom jagħtu prova ta' fatti negattivi, fi kliem ieħor l-ineżistenza tad-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-inverżjoni tal-oneru tal-prova joħloq problemi amministrativi intollerabbli, pereżempju għal persuni li jippruvaw jikru flat, li jkunu meħtieġa jiddokumentaw il-proċess ta' selezzjoni tal-kerrej fid-dettall fi preparazzjoni għal azzjoni legali possibbli.

Emenda 288
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, skont is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, li l-persuni kollha li jikkunsidraw lilhom infushom trattati ħażin min-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali lilhom jistgħu jieħdu azzjoni legali biex jaffermaw d-drittijiet tagħhom.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova toħloq livell għoli ħafna ta' inċertezza legali. Mhux ċar assolutament kemm trid tkun konvinċenti l-evidenza biex twassal għall-inverżjoni tal-oneru tal-prova. Mhux l-anqas ċar liema argumenti r-rispondenti għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw għad-difiża tagħhom, peress li jkollhom jagħtu prova ta' fatti negattivi, fi kliem ieħor l-ineżistenza tad-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-inverżjoni tal-oneru tal-prova joħloq problemi amministrativi intollerabbli, pereżempju għal persuni li jippruvaw jikru flat, li jkunu meħtieġa jiddokumentaw il-proċess ta' selezzjoni tal-kerrej fid-dettall fi preparazzjoni għal azzjoni legali possibbli.

Emenda 289
Henri Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skont is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni li jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.	***imħassar***
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jostakola Stati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għal rikorrenti.	
3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal proċeduri kriminali.	
4. Stati Membri m'għandomx japplikaw paragrafu 1 għal proċeduri li fihom il-qorti jew korp kompetenti jinvestiga l-fatti tal-każ.	
5. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe proċedimenti legali mibdija skont l-Artikolu 7(2).	

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu trattati f'paragrafu ġdid inserit fl-Artikolu 7. Ara l-emenda tal-istess awturi għall-Artikolu 7(3)(a) (ġdid).

Emenda 290
Alexander Alvaro

Proposta għal direttiva
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skont is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni li jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.	***imħassar***
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jostakola Stati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għal rikorrenti.	
3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal proċeduri kriminali.	
4. Stati Membri m'għandomx japplikaw paragrafu 1 għal proċeduri li fihom il-qorti jew korp kompetenti jinvestiga l-fatti tal-każ.	
5. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe proċedimenti legali mibdija skont l-Artikolu 7(2).	

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu trattati f'paragrafu ġdid inserit fl-Artikolu 7. Ara l-emenda tal-istess awturi għall-Artikolu 7(3)(a) (ġdid).

Emenda 291
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skont is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni li jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.	***imħassar.***
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jostakola Stati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għal rikorrenti.	
3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal proċeduri kriminali.	
4. Stati Membri m'għandomx japplikaw paragrafu 1 għal proċeduri li fihom il-qorti jew korp kompetenti jinvestiga l-fatti tal-każ.	
5. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe proċedimenti legali mibdija skont l-Artikolu 7(2).	

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Irrispettivament min-natura tal-klejm, l-oneru tal-prova għandu jaqa' fuq min jagħmel l-ilment.

Emenda 292
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skont is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni ***li*** jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom ***jistabbilixxu***, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, ***fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta,*** għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skont is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom ***u fatti li jissuġġerixxu l-eżistenza ta' diskriminazzjoni kienu stabbiliti***, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra,għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni. ***Dan il-paragrafu huwa bla ħsara għal regoli ta' proċedura nazzjonali eżistenti li jikkonċernaw l-oneru tal-prova f'affarijiet ċivili u kriminali.*** ***F'kull każ, adattazzjoni tar-regoli tal-oneru tal-prova hija possibbli biss jekk il-preżunzjoni hija stabbilita u verifikata minn qorti jew korp kompetenti.***

Or. fr

Emenda 293
Mario Mauro, Stefano Zappalà

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ma japplikax għall-verżjoni Maltija	

Or. it

Emenda 294
Claude Moraes, Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. L-Istati Membri għandhom jippromwovu b'mod attiv ugwaljanza bejn persuni irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali meta jifformulaw u jimplimentaw liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministratici, politiki u attivitajiet fl-oqsma msemmija f'din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet li s-sempliċi projbizzjoni ta' diskriminazzjoni mhix mezz suffiċjenti għall-kisba ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Id-Direttiva għandha tinkludi dispożizzjoni speċifika dwar mainstreaming u promozzjoni ta' ugwaljanza sabiex tipprova tikseb bidla fuq livel soċjetali. Preċedent ta' mainstreaming diġà jeżisti għal dan l-Artikolu 29 tad-Direttiva dwar is-Sessi Mfassla mill-Ġdid 2006/54/KE u jkun totalment inkonsistenti mal-poteri tal-Artikolu 13skont it-Trattat KE.

Emenda 295
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Stati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-***persuni kkonċernati*** permezz ta' mezzi approprjati fit-territorju tagħhom.	10. Stati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-***pubbliku ġenerali*** permezz ta' mezzi approprjati fit-territorju tagħhom.

Or. de

Emenda 296
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex jippromwovu l-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom jorganizzaw informazzjoni ad hoc u kampanji ta' għarfien u sessjonijiet ta' taħriġ bħala parti minn programmi edukattivi.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Sett ta' regoli żviluppati dwar it-trattament ugwali għandhom ikunu kumplimentati minn żieda fl-għarfien tad-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli u sens evolut ta' drittijiet soċjali bħala tali.

Emenda 297
Carlo Casini, Iles Braghetto

Proposta għal direttiva
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni ***għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.***	11. Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, ***knejjes, assoċjazzjonijiet u komunitajiet reliġjużi u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali,*** li għandhom, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Jekk NGOs għandhom ikunu espliċitament involuti fil-promozzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, isegwi li referenza għandha tkun magħmula wkoll għal knejjes, assoċjazzjonijiet u komunitajiet reliġjużi u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji tat-Trattat ta' Liżbona.

Emenda 298
Claude Moraes, Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi ***indipendenti u ffinanzjat b'mod adegwat*** għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp jew korpi għandhom kompetenza fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva u l-oqsma ta' impjieg u xogħol skont id-Direttiva 2000/78/KE.*** Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Premessi jirreferu għall-bżonn ta' Korpi ta' Ugwaljanza sabiex jimxu b'mod konformi mal-Prinċipji ta' Pariġi – li jistipulaw li korpi ta' ugwaljanza għandhom ikunu indipendenti mill-gvern u jkunu ffinanzjati b'mod adegwat. Għalhekk jagħmel sens li dawn ir-rekwiżiti jkunu asseriti mill-ġdid fl-artikoli tad-direttiva. Din id-Direttiva għandha tagħmilha ċara li l-Korp

jew Korpi ta' Ugwaljanza stabbiliti għandu jkollhom ukoll ġurisdizzjoni fuq l-impjieg u x-xogħol.

Emenda 299
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon ***jew mit-twemmin*** tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' twemmin ma tistax titqies ekwivalenti għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew raġunijiet oħra. L-approċċ orizzontali li jipprevedi l-istess regoli biex jitkoprew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jikkunsidrax id-differenzi bejniethom: pereżempju, it-twemmin ma jistax jitqies ekwivalenti għad-diżabiltà. Hemm il-periklu, madankollu, li l-projbizzjoni fuq it-trattament inugwali fuq il-bażi ta' twemmin tista' tintuża ħażin minn gruppi estremisti. Ara l-emendi tal-istess awturi għall-Premessi 9, 13, 21 u 23 u l-Artikoli 1, 2(2)(b), 5 u 12(1).

Emenda 300
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp

jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, ***mard kroniku li ma jittiħidx, infezzjoni tal-HIV/AIDS,*** età, jew orjentazzjoni sesswali***, dħul jew kategorija soċjali***. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Biex tkun żgurata konsistenza ma' emendi oħra proposti.

Emenda 301
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Stavros Lambrinidis, Michael Cashman, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' ***drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż*** drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi ***indipendenti funzjonanti*** għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ***tad***-drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. en

Emenda 302
Iratxe García Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, ***sħubija f'assoċjazzjoni, sess*** jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. es

Emenda 303
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi ***jistgħu*** jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi ***indipendenti*** għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi ***għandhom*** jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u

2004/113/KE.

Or. de

Emenda 304
Csaba Sógor

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi ***indipendenti*** għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. hu

Emenda 305
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi,	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi,

inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inkluži d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra inkluži d-Direttivi 2000/43/KE***, 2000/78/KE*** u 2004/113/KE.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 2000/78/KE tikkumplimenta l-oħrajn imsemmija u għandha tkun inkluża wkoll fil-kompetenzi tal-korpi li tat-trattament ugwali.

Emenda 306
Michael Cashman, Richard Howitt, Claude Moraes

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – indent 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- bla ħsara għad-dritt ta' vittmi u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra msemmija fl-Artikolu 7(2), li jipprovdu assistenza indipendenti għal vittmi ta' diskriminazzjoni biex jagħmlu l-ilmenti tagħhom rigward diskriminazzjoni,	- bla ħsara għad-dritt ta' vittmi u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra msemmija fl-Artikolu 7(2), li jipprovdu assistenza indipendenti għal vittmi ta' diskriminazzjoni biex jagħmlu l-ilmenti tagħhom rigward diskriminazzjoni, ***inkluż l-involviment f'kull proċedura ġudizzjarja u/jew amministrativa provduta għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva, inkluż f'isem, jew b'appoġġ ma' , kwalunkwe vittma.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-importanza ta' korpi ta' ugwaljanza indipendenti mill-Gvernijiet, skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti msemmija fil-premessa, għandha tkun enfasizzata hawnhekk.

Emenda 307
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – inċiż -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- l-iffaċilitar ta' proċedimenti amministrativi jew legali rigward diskriminazzjoni meta l-vittma tagħha huwa residenti fi Stat Membru li mhus dak tal-parteċipant, permezz ta' kuntatt tal-organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet ekwivalenti fl-Istat Membru tal-parteċipant;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għall-possibbiltà ta' proċeduri transkonfinali.

Emenda 308
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – inċiż -1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- assigurazzjoni ta' aċċess minn min jagħmel l-ilment għal għajnuna legali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex ikun imtejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'argumenti transkonfinali, fejn ikun xieraq;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għall-possibbiltà ta' proċeduri transkonfinali.

Emenda 309
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- twettiq ta' stħarriġ indipendenti li jikkonċernaw diskriminazzjoni,	- ***monitoraġġ u*** twettiq ta' stħarriġ indipendenti li jikkonċernaw diskriminazzjoni, ***inkluż dwar l-applikazzjoni ta' liġi antidiskriminatorja,***

Or. en

Emenda 310
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – inċiż 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni mal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali u ma' korpi oħra Ewropej korrispondenti.

Or. en

Emenda 311
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – inċiż 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- organizzazzjoni ta' kampanji ta' għarfien u informazzjoni u ta' programmi ta' taħriġ.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-korpi ta' opportunitajiet ugwali għandhom ikunu responsabbli wkoll għal kampanji ta' għarfien u informazzjoni.

Emenda 312
Marco Cappato

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li jintegraw korpi li jinvolvu d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwu, inkluż drittijiet skont atti Komunitarji oħra, notevolment id-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE, u l-promozzjoni ta' trattament ugwali, f'korp uniku jew Aġenzija.

Or. en

Emenda 313
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jipprovdi lil dan jew dawn il-korpi b'riżorsi suffiċjenti biex iwettqu r-rwol tagħhom b'mod effettiv u faċilment aċċessibbli.

Or. en

Emenda 314
Sophia in 't Veld

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jipprovdi lil dan jew dawn il-korpi b'riżorsi suffiċjenti biex iwettqu r-rwol tagħhom b'mod effettiv u faċilment aċċessibbli.

Or. nl

Emenda 315
Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell ta' ffinanzjar xieraq għall-kompetenzi ta' dawk il-korpi sabiex tkun żgurata l-operazzjonalità u l-indipendenza tagħhom.

Or. it

Emenda 316
Csaba Sógor

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) kwalunkwe liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jmorru kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali huma mħassra;	a) kwalunkwe liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jmorru kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali huma mħassra ***immedjatament***;

Or. hu

Emenda 317
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jirrevedu b'attenzjoni liema dispożizzjonijiet kif imsemmija fil-punti (a) u (b) jeżistu meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ, sabiex miżura ċara ta' bażi tkun imwettqa. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni dwarhom.

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li titkejjel il-pożizzjoni inizjali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 318
Henri Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. ***Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv.***	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fl-ittra ta' avviż formali tal-Kummissjoni (proċeduri ta' ksur tat-trattat Nri 2007/2253 u 2007/2362) huwa ddikjarat, skont l-Artikoli 15 u/jew 17, li ksur tad-dispożizzjonijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni ma jippreżumix żball fih innifsu u għalhekk m'għandux iwassal għal sanzjonijiet. Jibqa' mhux ċarjekk dan jirrigwardax il-qasam tal-liġi ċivili. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi ċivili Ġermaniża huma marbuta mar-rekwiżit li wieħed jirrispondi għall-azzjonijiet, jiġifieri r-responsabiltà tad-debitur. Il-konsegwenzi ta' responsabbiltà assoluta, madankollu, jkunu speċi ta' 'responsabbiltà tar-riskju' għal diskriminazzjoni, b'riskji mhux kalkolabbli għall-partijiet ikkonċernati.

Emenda 319
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Is-sanzjonijiet ***jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li*** ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq***, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv.***	14. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Is-sanzjonijiet ***għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' diskriminazzjoni huma intitolati għal kumpen, inkluż kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab. F'dak ir-rigward, il-kumpensi*** ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq**.**

Or. de

Emenda 320
Jean-Marie Cavada

Proposta għal direttiva
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ħsara sofruta minn persuna li kienet trattat ħazin bħala riżultat ta' falliment li japplikaw il-prinċipju ta' trattament ugwali tkun rimedjata effettivament.*** Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ma jissemmiex fil-proposta tal-Kummissjoni l-prinċipju ta' kumpens effettiv għal dannu mġarrab. Ikun loġiku li dan jissemma f'dan l-Artikolu rigward sanzjonijiet.

Emenda 321
Manfred Weber, Patrick Gaubert, Anja Weisgerber, Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-

liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jimxu skont din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn …. [***sentejn*** wara adozzjoni]. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.	liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jimxu skont din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn …. [***tliet snin*** wara adozzjoni]. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Direttivi preċedenti dwar il-ġlieda kontra diskriminazzjoni jistabbilixxu skadenza ta' implimentazzjoni ta' tliet snin wara adozzjoni.

Emenda 322
Evangelia Tzampazi, Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex ikunu kkunsidrati kundizzjonijiet partikolari, Stati Membri jistgħu, jekk ikun neċessarju, jistabbilixxu li l-obbligazzjoni li jkun provdut aċċess effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 4 għandu titwettaq [sa mhux aktar tard minn] … erba' [snin wara adozzjoni].	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta alternattiva għat-twettiq progressiv ta' xi obbligi skont l-Artikolu 4 hija trattata f'emenda rispettiva tal-Artikolu 4.

Emenda 323
Elizabeth Lynne

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex ikunu kkunsidrati kundizzjonijiet partikolari, Stati Membri jistgħu, jekk ikun neċessarju, jistabbilixxu li l-obbligazzjoni li jkun provdut aċċess effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 4 għandu titwettaq [sa mhux aktar tard minn] … erba' [snin wara adozzjoni].	***imħassar***

Or. en

Emenda 324
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Michael Cashman, Richard Howitt, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex ***ikunu kkunsidrati kundizzjonijiet partikolari, Stati Membri jistgħu, jekk ikun neċessarju, jistabbilixxu li l-obbligazzjoni li jkun provdut aċċess effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 4 għandu titwettaq [sa mhux aktar tard minn] … erba' [snin wara adozzjoni].***	2. Sabiex ***ikunu konformi mal-obbligu li jipprovdu aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal infrastrutturi, politiki jew proċeduri eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4.1(a), l-Istati Membri jistgħu, jekk neċessarju, ikollhom perjodu addizzjonali ta' 10 snin [mill-iskadenza tat-traspożizzjoni] biex jimxu skont din id-dispożizzjoni.***
L-Istati Membri li jixtiequ jużaw ***dan*** il-perjodu addizzjonali għandhom ***jinfurmaw*** lill-Kummissjoni ***mhux aktar tard mill-ġurnata stabbilita fil-paragrafu 1 u jagħtu r-raġunijiet.***	L-Istati Membri li jixtiequ jużaw il-perjodu addizzjonali għandhom ***jissottomettu*** lill-Kummissjoni ***pjan għal konformità progressiva mar-rekwiżiti li jinstabu fl-Artikolu 4.1(a), inkluż miri, mezzi u skadenzi. Kull Stat Membru li jagħżel li juża dan il-perjodu addizzjonali għandu jirrapporta annwalment lill-Kummissjoni dwar il-passi meħuda sabiex ikun provdut***

aċċess effettiv mhux diskriminatorju u dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a). Il-Kummissjoni għandha tirrapporta annwalment lill-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skedi għar-realizzazzjoni progressiva tal-obbligu li jkun provdut aċċess mhux diskriminatorju ikunu mezz aktar xieraq u flessibbli sabiex tkun indirizzata l-aċċessibiltà ta' faċilitajiet eżistenti li jeħtieġu attenzjoni għal terminu ta' żmien twil, bħal sistema ta' trasportazzjoni pubblika, binjiet storiċi.

Emenda 325
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mhux aktar tard minn ** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, qafas legali Komunitarju komprensiv li jirrigwarda n-nuqqas ta' diskriminazzjoni għandu jkun fis-seħħ fil-forma ta' Direttiva unika li tikkonsolida u għalhekk tindel id-direttivi eżistenti kollha bbażati fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, inkluż din id-Direttiva. Din id-Direttiva l-ġdida għandha tipprovdi għal livell indaqs ta' protezzjoni għal kull raġuni ta' diskriminazzjoni.

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Biex itejjeb iċ-ċertezza legali u l-effiċjenza.

Emenda 326
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet rilevanti mhux governattivi, kif ukoll l-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju dwar studji tas-sessi, dan ir-rapport għandu, *inter alias*, jipprovdi stima tal-impatt tal-miżuri meħuda fuq nisa u rġiel. Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk neċessarju, proposti għar-reviżjoni u emenda ta' din id-Direttiva.	2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet rilevanti mhux governattivi, kif ukoll l-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju dwar studji tas-sessi, dan ir-rapport għandu, *inter alias*, jipprovdi stima tal-impatt tal-miżuri meħuda fuq nisa u rġiel. ***Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar diskriminazzjoni multipla, li tkopri mhux biss diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, orjentazzjoni sesswali, età u diżabbiltà, iżda wkoll diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, razza u oriġini etnika.*** Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk neċessarju, proposti għar-reviżjoni u emenda ta' din id-Direttiva.

Or. de

Emenda 327
Emine Bozkurt, Claudio Fava, Claude Moraes, Inger Segelström, Armando França, Lissy Gröner, Iratxe García Pérez, Maria Grazia Pagano

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipproponi direttiva ġdida li fiha d-direttivi separati kollha bbażati fuq l-Artikolu 13 KE jkunu miġbura sa .... bħala l-aktar tard [sentejn wara l-adozzjoni]. F'din id-direttiva l-ġdida r-raġunijiet kollha għal diskriminazzjoni għandhom igawdu l-

istess livell ta' protezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Wara l-adozzjoni ta' din id-direttiva l-livell ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal raġuni ta' sess jaqa' wara r-raġunijiet l-oħra. Għar-raġuni ta' sess, oqsma differenzi bħall-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, vantaġġi soċjali, edukazzjoni, midja u riklamar għadhom mhumiex koperti.